ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 323

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

**Volum 50**

**8 ta' Diċembru 2007**

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/2007 ta' l-4 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, għas-sena tas-sajd 2008, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd skond ir-Regolament (KE) Nru 104/2000** ..... 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1448/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1449/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96, (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2375/2002, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 950/2006, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1100/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 1002/2007 u (KE) Nru 508/2007 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq tat-talbiet u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' l-importazzjoni fl-2008 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji li jikkonċernaw il-patata ħelwa, il-lamtu tal-manjoka, iċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor u ż-żejt taż-żebbuġa, u li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 1445/95, (KE) Nru 1518/2003, (KE) Nru 596/2004 u (KE) Nru 633/2004 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq taċ-ċertifikati ta' l-esportazzjoni fl-2008 fl-oqsma tal-laħam taċ-ċanga, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur** ..... 8




*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2007/799/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità, tal-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina fil-qasam tat-Trasport (Protokoll tat-Trasport)** 13

**Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina ta' l-1991 fil-qasam tat-Trasport – Protokoll dwar it-Trasport** ........ 15

2007/800/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2007 dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi** ........ 23

**Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga** ........ 24

2007/801/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika ta' l-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika ta' l-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakka** ........ 34

**Kummissjoni**

2007/802/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/840/KE fir-rigward tal-lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi għat-tneħħija ta' radjazzjoni minn fuq l-ikel** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5823)* [1] ........ 40

2007/803/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjonijiet 2005/731/KE u 2005/734/KE f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5887)* [1] ........ 42

2007/804/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/627/KE li tistabbilixxi l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għan-Netwerks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi** [1] ........ 43

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/805/PESK tas-6 ta' Diċembru 2007 li taħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana** ........ 45

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/806/CFSP tas-6 ta' Diċembru 2007 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani** ........ 50

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/807/PESK tas-6 ta' Diċembru 2007 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)** ........ 53

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/808/PESK tas-6 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/807/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani** 56

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/809/PESK tas-6 ta' Diċembru 2007 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/108/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan** ........ 57

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni 2007/775/KE tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2007 li tirrevoka d-Deċiżjoni 1999/572/KE li taċċetta impenji offruti f'konnessjoni mal-proċedimenti *anti-dumping* li jirrigwardaw l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-wajer ta' l-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukraina (ĠU L 312, 30.11.2007)** ........ 59

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1447/2007

**ta' l-4 ta' Diċembru 2007**

**li jistabbilixxi, għas-sena tas-sajd 2008, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd skond ir-Regolament (KE) Nru 104/2000**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 26(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jipprovdu li għandu jiġi ffissat prezz ta' gwida u prezz tal-produzzjoni tal-Komunità għal kull sena ta' sajd biex jkunu stabbiliti l-livelli tal-prezzijiet għall-intervent sabiex jitqegħdu fis-suq ċertu prodotti tas-sajd.

(2) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jesiġi li l-prezz ta' gwida jiġi ffissat għal kull wieħed mill-prodotti u gruppi ta' prodotti elenkati fil-lista fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament.

(3) Fuq il-bażi tad-dejta kurrenti disponibbli fuq il-prezzijiet tal-prodotti konċernati u fuq il-kriterji msemmija fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz ta' gwida għandu jiżdied, jinżamm, jew jitnaqqas għas-sena tas-sajd 2008, skond l-ispeċijiet.

(4) L-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jeħtieġ li l-prezz Komunitarju tal-produtturi għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fil-lista fl-Anness III ma' dak ir-Regolament. Huwa xieraq li jiġi stabbilit prezz Komunitarju tal-produtturi għal wieħed minn dawk il-prodotti u li jiġi kkalkolat il-prezz Komunitarju tal-produtturi għall-oħrajn permezz tal-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 802/2006 tat-30 ta' Mejju 2006 li jiffissa l-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-ħut tal-ġenera *Thunnus* u *Euthynnus* ([2]).

(5) Fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni inċiż tal-Artikolu 18(2) u fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz Komunitarju tal-produtturi għas-sena tas-sajd 2008 għandu jiġi aġġustat.

(6) Fid-dawl ta' l-urġenza tal-każ, huwa importanti li tiġi permessa eċċezzjoni għall-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-paragrafu I(3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sena ta' sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008, il-prezz ta' gwida kif provdut fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandu jiġi stabbilit kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għas-sena tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008, il-prezz Komunitarju tal-produtturi kif provdut fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandu jiġi stabbilit kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1759/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 3).

([2]) ĠU L 144, 31.5.2006, p. 15.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

*ANNESS I*

| Annessi | Speċi<br>Prodotti msemmija fl-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 | Preżentazzjoni Kummerċjali | Prezz ta' gwida EUR/tunnellata) |
|---|---|---|---|
| I | 1. Aringi ta' l-ispeċi *Clupea harengus* | Ħut sħiħ | 277 |
| | 2. Sardin ta' l-ispeċi *Sardina pilchardus* | Ħut sħiħ | 563 |
| | 3. Mazzola Griża (*Squalus acanthias*) | Ħut sħiħ jew Ħut imnaddaf bir-ras | 1 112 |
| | 4. Gattarell (*Scyliorhinus spp.*) | Ħut sħiħ jew Ħut imnaddaf bir-ras | 725 |
| | 5. Redfish (*Sebastes spp.*) | Ħut sħiħ | 1 176 |
| | 6. Merluzz ta' l-ispeċi *Gadus morhua* | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 1 647 |
| | 7. Pollakkju (*Pollachius virens*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 784 |
| | 8. Haddock (*Melanogrammus aeglefinus*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 1 038 |
| | 9. Merlangu (*Merlangius merlangus*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 965 |
| | 10. Linarda (*Molva spp*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 1 214 |
| | 11. Kavall ta' l-ispeċi *Scomber scombrus* | Ħut sħiħ | 326 |
| | 12. Kavall ta' l-ispeċi *Scomber japonicus* | Ħut sħiħ | 294 |
| | 13. Inċova (*Engraulis spp.*) | Ħut sħiħ | 1 294 |
| | 14. Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras mill-1.1.2008 sat-30.4.2008 | 1 079 |
| | | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras mill-1.5.2008 sal-31.12.2008 | 1 499 |
| | 15. Marlozz ta' l-ispeċi *Merluccius merluccius* | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 3 638 |
| | 16. Lingwata (*Lepidorhombus spp.*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 2 541 |
| | 17. Barbun (*Limanda limanda*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 863 |
| | 18. Barbun komuni (*Platichthys flesus*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 527 |
| | 19. Alonga jew tonn tax-xewka twila (*Thunnus alalunga*) | Ħut sħiħ | 2 165 |
| | | Ħut imnaddaf bir-ras | 2 391 |
| | 20. Siċċa (*Sepia officinalis u Rossia macrosoma*) | Sħiħ | 1 687 |
| | 21. Petriċa (*Lophius spp.*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 2 968 |
| | | Mingħajr ras | 6 107 |
| | 22. Gambli ta' l-ispeċi *Crangon crangon* | Sempliċement mgħollijin fl-ilma | 2 425 |
| | 23. Gambli tat-tramuntana (*Pandalus borealis*) | Sempliċement mgħollijin fl-ilma | 6 506 |
| | | Frisk jew imkessaħ | 1 606 |
| | 24. Granċ jittiekel (*Cancer pagurus*) | Sħiħ | 1 801 |
| | 25. Awwista tan-Norveġja (*Nephrops norvegicus*) | Sħiħ | 5 497 |
| | | Dnub | 4 386 |
| | 26. Lingwata (*Solea spp.*) | Ħut sħiħ jew ħut imnaddaf bir-ras | 6 949 |

| Annessi | Speċi<br>Prodotti msemmija fl-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 | Preżentazzjoni Kummerċjali | Prezz ta' gwida EUR/tunnellata) |
|---|---|---|---|
| II | 1. Ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 1 975 |
| | 2. Marlozzi ta' l-ispeċi *Merluccius spp.* | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 1 214 |
| | | Iffriżat, iffilitjat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 1 506 |
| | 3. Pagri (*Dentex dentex and Pagellus spp.*) | Iffriżat, fi kwantitajiet jew fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 1 594 |
| | 4. Pixxispad (*Xiphias gladius*) | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 4 038 |
| | 5. Siċċa (*Sepia officinalis*) (*Rossia macrosoma*) (*Sepiola rondeletti*) | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 1 916 |
| | 6. Qarnit (*Octopus spp.*) | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 2 119 |
| | 7. Klamari (*Loligo spp.*) | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 1 168 |
| | 8. Klamar (*Ommastrephes sagittatus*) | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 961 |
| | 9. *Illex argentinus* | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 869 |
| | 10. Gambli tal-familja *Penaeidae*<br>— Gambli ta' l-ispeċi *Parapenaeus longirostris* | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 4 032 |
| | — Speċi oħra tal-familja *Penaeidae* | Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodott | 7 819 |

*ANNESS II*

| Speċi<br>Prodotti elenkati fl-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 104/2000 | Piż | Speċifikazzjonijiet kummerċjali | Il-prezz Komunitarju tal-produttur (EUR/tunnellata) |
|---|---|---|---|
| Tonn tax-xewka safra (*Thunnus albacares*) | li jkun jiżen aktar minn 10 kg kull wieħed | Shiħ | 1 250 |
| | | Bla garġi u mnaddaf | |
| | | Oħrajn | |
| | li ma jkunx jiżen aktar minn 10 kg kull wieħed | Shiħ | |
| | | Bla garġi u mnaddaf | |
| | | Oħrajn | |
| Alonga (*Thunnus alalunga*) | li jkun jiżen aktar minn 10 kg kull wieħed | Shiħ | |
| | | Bla garġi u mnaddaf | |
| | | Oħrajn | |
| | li ma jkunx jiżen aktar minn 10 kg kull wieħed | Shiħ | |
| | | Bla garġi u mnaddaf | |
| | | Oħrajn | |
| Palamit (*Katsuwonus pelamis*) | | Shiħ | |
| | | Bla garġi u mnaddaf | |
| | | Oħrajn | |
| Tonn (*Thunnus thynnus*) | | Shiħ | |
| | | Bla garġi u mnaddaf | |
| | | Oħrajn | |
| Speċijiet oħra tal-ġenera *Thunnus* u *Euthynnus* | | Shiħ | |
| | | Bla garġi u mnaddaf | |
| | | Oħrajn | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1448/2007

## tas-7 ta' Diċembru 2007

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 148,5 |
| | MA | 70,3 |
| | SY | 68,2 |
| | TR | 120,8 |
| | ZZ | 102,0 |
| 0707 00 05 | JO | 196,3 |
| | MA | 52,5 |
| | TR | 111,0 |
| | ZZ | 119,9 |
| 0709 90 70 | MA | 58,8 |
| | TR | 110,8 |
| | ZZ | 84,8 |
| 0805 10 20 | AR | 9,2 |
| | AU | 19,4 |
| | BR | 12,7 |
| | SZ | 31,4 |
| | TR | 90,5 |
| | ZA | 41,4 |
| | ZW | 27,6 |
| | ZZ | 33,2 |
| 0805 20 10 | MA | 67,9 |
| | ZZ | 67,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 61,4 |
| | HR | 32,2 |
| | IL | 66,8 |
| | TR | 71,3 |
| | UY | 95,3 |
| | ZZ | 65,4 |
| 0805 50 10 | EG | 61,6 |
| | TR | 100,6 |
| | ZA | 65,9 |
| | ZZ | 76,0 |
| 0808 10 80 | AR | 87,7 |
| | CA | 87,3 |
| | CL | 86,0 |
| | CN | 87,0 |
| | MK | 30,6 |
| | US | 99,5 |
| | ZA | 82,4 |
| | ZZ | 80,1 |
| 0808 20 50 | AR | 71,4 |
| | CN | 73,2 |
| | TR | 145,7 |
| | ZZ | 96,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1449/2007

## tas-7 ta' Diċembru 2007

## li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96, (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2375/2002, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 950/2006, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1100/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 1002/2007 u (KE) Nru 508/2007 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq tat-talbiet u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' l-importazzjoni fl-2008 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji li jikkonċernaw il-patata ħelwa, il-lamtu tal-manjoka, iċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor u ż-żejt taż-żebbuġa, u li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 1445/95, (KE) Nru 1518/2003, (KE) Nru 596/2004 u (KE) Nru 633/2004 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq taċ-ċertifikati ta' l-esportazzjoni fl-2008 fl-oqsma tal-laħam taċ-ċanga, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996, dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-GATT XXIV.6 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE tat-13 ta' Mejju 1996 dwar il-konklużjoni tar-riżultati ta' konsultazzjonijiet mat-Tajlandja skond l-Artikolu XXIII tal-GATT ([2]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([3]), u partikolarment l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 tas-26 ta' Novembru 1990 dwar l-importazzjoni ta' ross li joriġina fil-Bangladexx, b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu ([4]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ([5]), u b'mod partikolari l-Artikoli 10(2), l-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2184/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jikkonċerna l-importazzjoni fil-Komunità ta' ross li joriġina u ġej mill-Eġittu, u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu ([6]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([7]), u partikolarment l-Artikolu 40(1)(e) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 865/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 827/68 ([8]), u partikolarment l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella ([9]), partikolarment l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal ([10]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd ([11]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur ([12]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

([1]) ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 122, 22.5.1996, p. 15.
([3]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).
([4]) ĠU L 337, 4.12.1990, p. 1.
([5]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).
([6]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 1.
([7]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1).
([8]) ĠU L 161, 30.4.2004, p. 97. Il-verżjoni korreġuta fil-ĠU L 206, 9.6.2004, p. 37.
([9]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
([10]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1913/2005.
([11]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).
([12]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006.

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2402/96 tas-17 ta' Diċembru 1996 li jiftaħ u jistabbilixxi regoli amministrattivi għal ċerti kwoti annwali ta' tariffi għal patata ħelwa u karboidrat manjoku (*lamtu tal-manjoka*) [1] jipprovdi dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq ta' applikazzjonijiet u għall-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ta' patata ħelwa fil-kuntest tal-kwoti 09.4013 u 09.4014, minn naħa waħda, u għal-lamtu tal-manjoka fil-kuntest tal-kwoti 09.4064 u 09.4065, min-naħa l-oħra.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2375/2002 tas-27 ta' Diċembru 2002 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri li toriġina minn pajjiżi terzi [2], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi [3] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' qamħirrum minn pajjiżi terzi [4], jipprovdu dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq ta' applikazzjonijiet u għall-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni tal-qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri fil-kuntest tal-kwoti tariffarji 09.4123, 09.4124 u 09.4125, tax-xgħir fil-kuntest tal-kwota tariffarja 09.4126 u tal-qamħirrum fil-kuntest tal-kwota tariffarja 09.4131.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2058/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa għal ross miksur (*broken rice*) tal-kodiċi NM 1006 40 00 għal produzzjoni ta' tħejjijiet ta' l-ikel ta' kodiċi NM 1901 10 [5] ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota għall-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Bangladexx, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 [6], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1002/2007 tad-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2184/96 li jikkonċerna l-importazzjonijiet fil-Komunità tar-ross li joriġina u ġej mill-Eġittu [7], u r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 955/2005 tat-23 ta' Ġunju 2005 li jiftaħ kwota għall-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Eġittu [8] jipprovdu dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq ta' talbiet u għall-għoti ta' ċertifikati għall-importazzjoni ta' ross imfarrak fil-qafas tal-kwota 09.4079, ta' ross li joriġina mill-Bangladexx fil-qafas tal-kwota 09.4517, ta' ross fil-kuntest tal-kwota 09.4094 u ta' ross li joriġina mill-Eġittu fil-kuntest tal-kwota 09.4097.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjonijiet fis-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor taħt ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali [9] jipprovdi dispożizzjonijiet partikolari għall-applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni fil-kuntest tal-kwoti 09.4331 sa 09.4351, 09.4315 sa 09.4320, 09.4324 sa 09.4328, 09.4380, 09.4390.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi, għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, regoli dettaljati għall-istabbiliment u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, maħsub għar-raffinar, li joriġina mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif ukoll ir-regoli dettaljati li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw mill-pajjiżi l-inqas żviluppati [10], jipprevedi dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' importazzjoni fil-qafas tal-kwoti 09.4361 u 09.4362.

(6) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 508/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jiftaħ kwoti ta' tariffi għall-importazzjonijiet fil-Bulgarija u r-Rumanija taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat għal provvista lil raffineriji fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 [11] jipprevedi li r-regoli marbuta maċ-ċertifikati ta' importazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 950/2006 japplikaw għall-importazzjonijiet taz-zokkor mill-kwoti tariffarji 09.4365 u 09.4366.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji rigward iż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija [12] jipprovdi dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq ta' applikazzjonijiet u għall-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa fil-kuntest tal-kwota tariffarja 09.4032.

[1] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1884/2006 (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 44).
[2] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 88. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 932/2007 (ĠU L 204, 4.8.2007, p. 3).
[3] ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2022/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 70).
[4] ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2022/2006.
[5] ĠU L 276, 29.10.1996, p. 7. ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2019/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 48).
[6] ĠU L 408, 30.12.2006, p. 19. Il-verżjoni korreġuta fil-ĠU L 47, 16.2.2007, p. 15.
[7] ĠU L 226, 30.8.2007, p. 15.
[8] ĠU L 164, 24.6.2005, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2019/2006.
[9] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 371/2007 (ĠU L 92, 3.4.2007, p. 6).
[10] ĠU L 196, 18.7.2006, p. 3.
[11] ĠU L 122, 11.5.2007, p. 1.
[12] ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.

(8) Fid-dawl tal-btajjel għas-sena 2007, jeħtieġ li għal ċerti perjodi tingħata deroga mir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96, (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2375/2002, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 950/2006, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1100/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 508/2007 u (KE) Nru 1002/2007 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni u l-ħruġ ta' dawn il-liċenzji, biex ikun jista' jiġi żgurat ir-rispett tal-volumi tal-kwoti kkonċernati.

(9) It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar regoli għall-applikazzjoni ta' liċenzi ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [1]; L-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/2003 tat-28 ta' Awwissu 2003 li jniżżel ir-regoli dettaljati biex jimplimenta s-sistema tal-liċenzji ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal [2]; L-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 596/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' esportazzjoni fis-settur tal-bajd [3], u l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur [4], jistipulaw li ċ-ċertifikati ta' esportazzjoni għandhom jinħarġu nhar l-Erbgħa wara l-ġimgħa li matulha jkunu tressqu l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati bil-kundizzjoni li ma tkun ittieħdet l-ebda miżura partikolari f'dan il-perjodu ta' żmien mill-Kummissjoni.

(10) Fid-dawl tal-jiem ta' btajjel tas-sena 2008, u tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-pubblikazzjoni tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, jirriżulta li l-perjodu bejn it-tressiq ta' l-applikazzjonijiet u l-jum tal-ħruġ tal-liċenzji huwa qasir wisq biex jiżgura ġestjoni tajba tas-suq. Għaldaqstant jeħtieġ li dan il-perjodu jittawwal.

(11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitati ta' Ġestjoni kollha kkonċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Patata ħelwa**

1. B'deroga mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, għas-sena 2008, ma jistgħux jitressqu applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tal-patata ħelwa fil-kuntest tal-kwoti 09.4013 u 09.4014 qabel it-2 ta' Jannar 2008 u lanqas wara nhar it-Tnejn il-15 ta' Diċembru 2008.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, il-liċenzji ta' l-importazzjoni tal-patata ħelwa li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet, fid-dati murija fl-Anness I, fil-kuntest tal-kwoti 09.4013 u 09.4014, għandhom jinħarġu fid-dati murija fl-Anness I imsemmi, bir-riserva tal-miżuri adottati skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 [5].

*Artikolu 2*

**Lamtu tal-manjoka**

1. B'deroga mill-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, għas-sena 2008, ma jistgħux jitressqu applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tal-lamtu tal-manjoka fil-kuntest tal-kwoti 09.4064 u 09.4065 qabel it-2 ta' Jannar 2008 u lanqas wara nhar it-Tnejn il-15 ta' Diċembru 2008.

2. B'deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, il-liċenzji ta' l-importazzjoni tal-lamtu tal-manjoka li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet, fid-dati murija fl-Anness II, fil-kuntest tal-kwoti 09.4064 u 09.4065, għandhom jinħarġu fid-dati murija fl-Anness II imsemmi, bir-riserva tal-miżuri adottati skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006.

*Artikolu 3*

**Ċereali**

1. B'deroga mill-Artikolu 5(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 2375/2002, u għas-sena 2008, l-ewwel perjodu għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tal-qamħ komuni ta' kwalità differenti mill-kwalità għolja fil-kuntest tal-kwoti 09.4123, 09.4124 u 09.4125 ma għandux jibda qabel it-2 ta' Jannar 2008. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-ġimgħa t-12 ta' Diċembru 2008, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mill-Artikolu 3(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 2305/2003, u għas-sena 2008, l-ewwel perjodu għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tax-xgħir fil-kuntest tal-kwota 09.4126 ma għandux jibda qabel it-2 ta' Jannar 2008. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-ġimgħa t-12 ta' Diċembru 2008, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

3. B'deroga mill-Artikolu 4(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, u għas-sena 2008, l-ewwel perjodu għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tal-qamħirrum fil-kuntest tal-kwota 09.4131 ma għandux jibda qabel it-2 ta' Jannar 2008. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-Ġimgħa t-12 ta' Diċembru 2008, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

[1] ĠU L 143, 27.6.1995, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 586/2007 (ĠU L 139, 31.5.2007, p. 5).
[2] ĠU L 217, 29.8.2003, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11).
[3] ĠU L 94, 31.3.2004, p. 33. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1713/2006.
[4] ĠU L 100, 6.4.2004, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1713/2006.
[5] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

*Artikolu 4*

**Ross**

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1), it-tielet inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 2058/96, u għas-sena 2008, l-ewwel perjodu għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tar-ross imfarrak fil-kuntest tal-kwota 09.4079 ma għandux jibda qabel it-2 ta' Jannar 2008. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-ġimgħa t-12 ta' Diċembru 2008, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mill-Artikolu 4(3), l-ewwel inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1964/2006, u għas-sena 2008, l-ewwel perjodu għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Bangladexx fil-kuntest tal-kwota 09.4517 ma għandux jibda qabel it-2 ta' Jannar 2008. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-ġimgħa t-12 ta' Diċembru 2008, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

3. B'deroga mill-Artikolu 2(3), tar-Regolament (KE) Nru 1964/2007, u għas-sena 2008, l-ewwel perjodu għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tar-ross li joriġina u li ġej mill-Eġittu fil-kuntest tal-kwota 09.4094 ma għandux jibda qabel it-2 ta' Jannar 2008. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-ġimgħa t-12 ta' Diċembru 2008, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

4. B'deroga mill-Artikolu 4(1), tar-Regolament (KE) Nru 955/2005, u għas-sena 2008, l-ewwel perjodu għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Eġittu fil-kuntest tal-kwota 09.4097 ma għandux jibda qabel it-2 ta' Jannar 2008. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-ġimgħa t-12 ta' Diċembru 2008, fis-13.00, ħin ta' Brussell.

*Artikolu 5*

**Zokkor**

1. B'deroga mill-Artikolu 4(2), tar-Regolament (KE) Nru 950/2006, u l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007, ma jistgħux jitressqu applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni ta' prodotti mis-settur taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti 09.4331 sa 09.4351, 09.4315 sa 09.4320, 09.4324 sa 09.4328, 09.4365, 09.4366, 09.4380 sa 09.4390, għas-sena 2008, wara s.13.00, nhar il-ġimgħa it-12 ta' Diċemrbu 2008, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mill-Artikolu 5(5), tar-Regolament (KE) Nru 1100/2006, għas-sena 2008, ma jistgħux jitressqu applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni ta' prodotti mis-settur taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti 09.4361 u 09.4362 wara s-13h tat-12 ta' Diċembru 2008, ħin ta' Brussell.

*Artikolu 6*

**Żejt taż-żebbuġa**

B'deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, il-liċenzji ta' l-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet it-Tnejn 17 jew it-Tlieta 18 ta' Marzu 2008, fil-kuntest tal-kwota 09.4032, għandhom jinħarġu l-Ġimgħa t-28 ta' Marzu 2008 b'riżerva għall-miżuri adottati skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

*Artikolu 7*

**Liċenzji ta' esportazzjoni b'rifużjoni għas-setturi tal-laħam taċ-ċanga u tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur.**

B'deroga mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1445/95, mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003, mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 596/2004 u mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 633/2004, il-liċenzji ta' esportazzjoni li għalihom ikunu tressqu applikazzjonijiet matul il-perjodu msemmija fl-Anness III ta' dan ir-Regolament għandhom jinħarġu fid-dati korrispondenti li jidhru fih.

Id-deroga prevista fl-ewwel inċiż tapplika biss bil-kundizzjoni li l-ebda waħda mill-miżuri partikolari msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1445/95, mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003, mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 596/2004 u mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 633/2004, ma tkun ittieħdet qabel id-dati tal-ħruġ imsemmija.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS I*

**Ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni tal-patata ħelwa fil-kuntest tal-kwoti 09.4013 u 09.4014 għal ċerti perjodi tas-sena 2008**

| Dati għall-applikazzjonijiet | Dati għall-ħruġ tal-liċenzji |
|---|---|
| It-Tlieta, 18 ta' Marzu 2008 | Il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu 2008 |
| It-Tlieta 29 ta' April 2008 | Il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju 2008 |

*ANNESS II*

**Ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni tal-lamtu tal-manjoka fil-kuntest tal-kwoti 09.4064 u 09.4065 għal ċerti perjodi tas-sena 2008**

| Dati għall-applikazzjonijiet | Dati għall-ħruġ tal-liċenzji |
|---|---|
| It-Tlieta, it-18 ta' Marzu 2008 | Il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu 2008 |
| It-Tlieta id-29 ta' April 2008 | Il-Ġimgħa, id-9 ta' Mejju 2008 |

*ANNESS III*

| Perjodi tat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' esportazzjoni fis-setturi tal-laħam taċ-ċanga, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur | Dati tal-ħruġ |
|---|---|
| Mis-17 sal-21 ta' Marzu 2008 | 27 ta' Marzu 2008 |
| Mill-5 sad-9 ta' Mejju 2008 | 15 ta' Mejju 2008 |
| Mill-14 sat-18 ta' Lulju 2008 | 24 ta' Lulju 2008 |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-12 ta' Ottubru 2006**

**dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità, tal-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina fil-qasam tat-Trasport (Protokoll tat-Trasport)**

(2007/799/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jiġu trattati problemi reġjonali u Ewropej li jfixklu l-mobbilità sostennibbli fit-trasport u jirriżultaw f'riskji għall-ambjent hi waħda mill-objettivi tal-politika tal-Komunità dwar it-trasport.

(2) Fl-14 ta' Mejju 1991 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tipparteċipa, f'isem il-Komunità, fin-negozjati dwar il-Konvenzjoni Alpina u l-protokolli tagħha, b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri.

(3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/191/KE [1], il-Komunità kkonkludiet il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Alpi (Konvenzjoni Alpina).

(4) Il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina fil-qasam tat-Trasport (Protokoll tat-Trasport), ibbażat fuq l-Artikoli 2 (2) u (3) tal-Konvenzjoni Alpina, ġie adottat mill-24 sas-26 ta' Mejju 2000 fl-okkażjoni tas-16-il laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni Alpina.

(5) Il-Protokoll ta' Trasport jipprovdi qafas, ibbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-prinċipju ta' prevenzjoni u l-prinċipju li min iniġġes iħallas, biex jiżgura l-mobbilità sostenibbli u l-protezzjoni ta' l-ambjent, għal kull mod ta' trasport, fir-reġjun Alpin.

(6) Il-Protokoll tat-Trasport, skond l-Artikolu 24 tiegħu, kien miftuħ għall-iffirmar mill-Partijiet Kontraenti fil-laqgħa Ministerjali tal-Konvenzjoni Alpina li saret f'Luċerna fit-30 u l-31 ta' Ottubru 2000, u fir-Repubblika ta' l-Awstrija, bħala d-depożitarja, minn dak in-nhar.

(7) Kompetenza preponderanti tal-Komunità marbuta mal-prinċipju ta' l-unità fir-rappreżentazzjoni internazzjonali tal-Komunità tmur favur il-firma u d-depożitu eventwali simultanji ta' l-istrumenti rispettivi ta' ratifika jew approvazzjoni, jekk possibbli, mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha li huma partijiet kontraenti fil-Konvenzjoni.

(8) Ikun konvenjenti li l-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina fil-qasam tat-Trasport (Protokoll tat-Trasport) ikun iffirmat, f'isem il-Komunità, soġġett għal konklużjoni sussegwenti,

[1] ĠU L 61, 12.3.1996, p. 31.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw f'isem il-Komunità, soġġett għal konklużjoni sussegwenti, il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina fil-qasam tat-Trasport (Protokoll tat-Trasport) u sabiex jgħaddilhom is-setgħat meħtieġa għal dak il-għan.

Magħmula fil-Lussemburgu, 12 ta' Ottubru 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. HUOVINEN

TRADUZZJONI

# PROTOKOLL DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KONVENZJONI ALPINA TA' L-1991 FIL-QASAM TAT-TRASPORT

## Protokoll dwar it-Trasport

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IL-PRINĊIPALITÀ TA' LIECHTENSTEIN,

IL-PRINĊIPALITÀ TA' MONAKO,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA –

Skond il-kompitu tagħhom, li jirriżulta mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Alpi (il-Konvenzjoni Alpina) tas-7 ta' Novembru 1991, li jsegwu politika komprensiva għall-protezzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun Alpin;

F'konformità ma' l-obbligi tagħhom skond l-Artikoli 2(2) u (3) tal-Konvenzjoni Alpina;

Konxji li l-ekosistemi u l-pajsaġġi tar-reġjun Alpin huma partikolarment sensittivi, li l-kondizzjonijiet ġeografiċi u t-topografija tiegħu x'aktarx iżidu mat-tniġġis u l-istorbju u li fih riżorsi naturali uniċi u wirt kulturali uniku;

Konxji li, mingħajr miżuri xierqa, it-trasport u l-ħsara li dan jikkawża lill-ambjent ser ikomplu jiżdiedu minħabba l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq, l-iżvilupp soċjo-ekonomiku u l-attivitajiet ta' passatemp;

Konvinti li l-popolazzjoni lokali għandha tkun tista' tiddetermina l-pjan ta' żvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku tagħha stess u tipparteċipa fl-implimentazzjoni tiegħu fil-qafas istituzzjonali eżistenti;

Konxji li t-trasport m'huwiex mingħajr impatt ambjentali u li l-ħsara li dan jikkawża lill-ambjent tipproduċi effetti negattivi fuq u riskji lill-ekoloġija, is-saħħa u s-sigurtà, li dejjem qed jiżdiedu u li jeħtieġ li jiġu ttrattati permezz ta' approċċ komuni;

Konxji li jenħtieġu miżuri ta' sigurtà msaħħa waqt it-trasport ta' materjali perikolużi;

Konxji mill-ħtieġa li jsiru arranġamenti komprensivi għall-osservazzjoni, ir-riċerka, il-forniment ta' informazzjoni u l-konsultazzjoni sabiex jiġu stabbiliti rabtiet bejn it-trasport, is-saħħa, l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku u li ssir ċara l-ħtieġa għat-tnaqqis tal-ħsara lill-ambjent;

Konxji li, fir-reġjun Alpin, politika tat-trasport ibbażata fuq il-prinċipji ta' sostenibbiltà hija fl-interess kemm tal-popolazzjonijiet Alpini kif ukoll ta' dawk li m'humiex Alpini u li huwa wkoll meħtieġ li r-reġjuni Alpini jiġu ppreservati kemm bħala abitat kif ukoll bħala reġjun naturali u ekonomiku;

Konxji li min-naħa waħda l-potenzjal preżenti tal-modi tat-trasport sa ċertu punt m'huwiex użat biżżejjed u min-naħa l-oħra mhux qed jittieħed kont biżżejjed ta' l-importanza ta' infrastrutturi għal sistemi ta' trasport li jirrispettaw aktar lill-ambjent (bħat-trasport bil-ferrovija, it-trasport fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni u bil-baħar u t-trasport kombinat) jew tal-kompatibbiltà u l-operabbiltà transnazzjonali tal-mezzi diversi tat-trasport, u li huwa għalhekk meħtieġ li jiġu ottimizzati tali sistemi ta' trasport permezz ta' tisħiħ fuq skala kbira tan-netwerks ġewwa u barra r-reġjun Alpin;

Konxji li d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar reġjonali u l-politika ekonomika li jittieħdu ġewwa u barra r-reġjun Alpin għandhom riperkussjonijiet kbar għall-iżvilupp tat-trasport Alpin;

Bix-xewqa li jagħmlu kontribut deċiżiv għall-iżvilupp sostenibbli u għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja billi jnaqqsu l-volum tat-traffiku, jamministraw it-trasport b'mod li jirrispetta aktar lill-ambjent u jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistemi eżistenti ta' trasport;

Konvinti li huwa meħtieġ li l-interessi ekonomiċi, il-ħtiġijiet soċjali u l-ħtiġiet ambjentali jiġu bbilanċjati;

B'konsiderazzjoni dovuta għall-konvenzjonijiet bilaterali u multilaterali konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti u l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport;

Konvinti li ċerti problemi jistgħu jiġu solvuti biss f'qafas transkonfini u jeħtieġu miżuri konġunti mill-parti ta' l-Istati Alpini –

Ftiehmu kif ġej:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Objettivi**

1. Il-Partijiet Kontraenti jinpenjaw ruħhom biex isegwu politika sostenibbli tat-trasport li:

(a) tnaqqas l-effetti negattivi ta' u r-riskji li jinħolqu mit-trasport intra-Alpin u transalpin għal livell li ma jagħmilx ħsara lin-nies, il-flora u l-fawna u l-ambjenti u l-abitati tagħhom, fost l-oħrajn bit-trasferiment ta' ammont dejjem akbar ta' trasport, speċjalment it-trasport ta' merkanzija, għall-ferroviji, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' infrastrutturi u inċentivi xierqa f'konformità mal-prinċipji tas-suq;

(b) tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-abitati u ż-żoni ekonomiċi li fihom joqogħdu u jaħdmu n-nies li jgħixu fir-reġjun Alpin bl-implimentazzjoni ta' politika tat-trasport li tinkludi l-modi kollha ta' trasport u li hija armonizzata fost id-diversi Partijiet Kontraenti;

(ċ) tgħin biex tnaqqas u, safejn huwa possibbli, tevita kwalunkwe impatt li jista' jipperikola r-rwol u r-riżorsi naturali tar-reġjun Alpin, li l-importanza tiegħu tmur lil hinn mill-fruntieri taż-żoni Alpini, u jkun ta' theddida għall-wirt naturali u kulturali tiegħu;

(d) tiżgura l-moviment tat-trasport intra-Alpin u transalpin bi spejjeż ekonomikament sopportabbli billi żżid l-effiċjenza tas-sistemi ta' trasport u tippromwovi l-modi ta' trasport li jirrispettaw lill-ambjent l-aktar u li huma l-aktar ekonomiċi f'termini ta' riżorsi naturali;

(e) tiżgura kompetizzjoni ġusta bejn il-modi ta' trasport.

2. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jiżviluppaw is-settur tat-trasport billi japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-prinċipju ta' prevenzjoni u l-prinċipju li min iniġġes iħallas.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

"Trasport transalpin" huwa trasport magħmul minn vjaġġi li l-punti tat-tluq u tal-wasla tagħhom huma barra mir-reġjun Alpin.

"Trasport intra-Alpin" huwa trasport magħmul minn vjaġġi li l-punti tat-tluq u tal-wasla tagħhom huma ġewwa r-reġjun Alpin (trasport intern) inkluż trasport magħmul minn vjaġġi li l-punti tat-tluq jew tal-wasla tagħhom huma ġewwa r-reġjun Alpin.

"Effetti negattivi u riskji sopportabbli" huma effetti negattivi u riskji li għandhom jiġu definiti permezz ta' valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali u analiżi tar-riskju bil-għan li tintemm kwalunkwe żieda ulterjuri fl-effetti negattivi u r-riskji u, fejn meħtieġ, li dawn jitnaqqsu permezz ta' miżuri xierqa fil-każ ta' kemm xogħlijiet ġodda ta' bini kif ukoll ta' infrastrutturi eżistenti li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-art.

"Spejjeż esterni" huma spejjeż li ma jitħallsux mill-utent tal-merkanzija jew is-servizzi. Dawn jinkludu l-ispejjeż ta' l-infrastruttura fejn l-użu huwa b'xejn, l-ispejjeż tat-tniġġis u l-istorbju ambjentali u l-ispejjeż tal-ħsara lin-nies u lill-proprjetà kkawżata mit-trasport.

"Xogħlijiet ġodda u fuq skala kbira ta' bini, alterazzjonijiet jew estensjonijiet kbar ta' l-infrastrutturi eżistenti tat-trasport" huma proġetti ta' l-infrastruttura li jkollhom effetti li, skond il-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt jew il-konvenzjonijiet internazzjonali fis-seħħ, huma soġġetti għal valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali.

"Toroq ta' kapċità kbira" huma l-awtostradi kollha u t-toroq b'żewġ korsiji jew aktar, mingħajr intersezzjonijiet, jew kwalunkwe triq li l-impatt tat-traffiku tagħha huwa simili għal dak ta' awtostrada.

"Objettivi tal-kwalità ta' l-ambjent" huma objettivi li jiddeskrivu l-livell tal-kwalità ta' l-ambjent li għandu jinkiseb, b'konsiderazzjoni dovuta għall-effetti fuq l-ekosistemi. Huma jistabbilixxu kriterji tal-kwalità (aġġornabbli) għall-protezzjoni tal-wirt naturali u kulturali minn perspettiva materjali, ġeografika u relatata maż-żmien.

"Standards tal-kwalità ta' l-ambjent" huma standards speċifiċi li jippermettu li l-objettivi tal-kwalità ta' l-ambjent jinkisbu. Huma jiddeterminaw l-objettivi applikabbli għal ċerti parametri, il-proċeduri tal-kejl jew il-ħtiġiet ġenerali.

"Indikaturi tal-kwalità ta' l-ambjent" huma indikaturi li jippermettu li jitkejjel jew jiġi evalwat l-istat preżenti tal-ħsara lill-ambjent u li jiġi previst kwalunkwe tibdil.

"Il-prinċipju ta' prekawzjoni" huwa l-prinċipju li bih miżuri maħsuba biex jevitaw, jikkontrollaw jew inaqqsu effetti serji jew irriversibbli fuq is-saħħa u l-ambjent m'għandhomx jiġu posposti bl-argument li r-riċerka xjentifika għadha ma pprovatx strettament l-eżistenza ta' relazzjoni bejn il-kawża u l-effett bejn is-sustanzi kkonċernati u l-ħsara potenzjali tagħhom għas-saħħa u l-ambjent.

"Il-prinċipju li 'min iniġġes iħallas'", inkluż l-aċċettazzjoni tar-responsabbiltà għall-effetti kkawżati, huwa l-prinċipju li bih l-ispejjeż tal-prevenzjoni, il-kontroll u t-tnaqqis tal-ħsara lill-ambjent u r-restorazzjoni ta' l-ambjent għal stat aċċettabbli għandhom jitħallsu minn dawk li jniġġsu. Dawn ta' l-aħħar għandhom, sa fejn huwa possibbli, iħallsu l-ispiża kollha ta' l-impatt tat-trasport fuq is-saħħa u l-ambjent.

"Studju tar-rakkomandabbiltà" huwa investigazzjoni, skond il-liġijiet nazzjonali, waqt l-ippjannar ta' xogħlijiet ġodda u fuq skala kbira ta' bini, alterazzjonijiet jew estensjonijiet kbar ta' l-infrastrutturi eżistenti tat-trasport dwar ir-rakkomandabbiltà ta' proġetti kemm mill-angolu tal-politika tat-trasport kif ukoll ta' l-impatt ekonomiku, ambjentali u soċjo-kulturali.

*Artikolu 3*

**Trasport sostenibbli u mobbiltà**

1. Sabiex jippermettu li t-trasport jiżviluppa b'mod sostenibbli, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jillimitaw, permezz ta' politika miftiehma tat-trasport u ta' l-ambjent, l-effetti negattivi u r-riskji dovuti għat-trasport billi jieħdu kont ta':

(a) l-importanza ta' l-ambjent sabiex:

(aa) l-użu tar-riżorsi naturali jitnaqqas għal livell li, safejn huwa possibbli, ma jeċċedix il-kapaċità naturali tagħhom għar-riġenerazzjoni;

(bb) l-emissjonijiet li jagħmlu l-ħsara jitnaqqsu għal livell li m'huwiex ta' detriment għall-kapaċità ta' assorbiment ta' l-ambjenti kkonċernati;

(ċċ) l-introduzzjoni ta' sustanzi fl-ambjent jiġi limitat sabiex jiġi evitat li ssir ħsara lill-istrutturi ambjentali u liċ-ċikli ta' materjali naturali;

(b) il-ħtiġiet tal-popolazzjoni sabiex:

(aa) tkun possibbli l-aċċessibbiltà għal persuni, xogħol, merkanzija u servizzi, waqt li l-ambjent jiġi ppreservat b'mod effettiv, isir risparm ta' l-enerġija u l-ispazju u jinkisbu l-ħtiġijiet essenzjali tal-popolazzjoni;

(bb) jiġi evitat li s-saħħa tal-bniedem titqiegħed fil-periklu u jitnaqqsu r-riskji ta' diżastri ambjentali u n-numru u l-gravità ta' aċċidenti;

(ċ) l-importanza ta' kriterji ekonomiċi sabiex:

(aa) tiżdied il-profitabbiltà tas-settur tat-trasport u jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni;

(bb) jkun inkoraġġut l-aħjar użu ta' l-infrastrutturi eżistenti;

(ċċ) jissaħħaħ l-impjieg f'impriżi li jkollhom prestazzjoni tajba fid-diversi setturi ta' l-ekonomija;

(d) il-ħtieġa li jittieħdu miżuri msaħħa kontra l-istorbju minħabba fit-topografija speċjali ta' l-Alpi.

2. F'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali u internazzjonali dwar it-trasport fis-seħħ, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jiżviluppaw strateġiji, objettivi u miżuri nazzjonali, reġjonali u lokali li:

(a) jieħdu kont tad-data ambjentali, ekonomika u soċjo-kulturali diversa u l-ħtiġijiet differenti;

(b) jagħmluha possibbli li titnaqqas il-ħsara ambjentali dovuta għat-trasport billi jiġu attwati għodod ekonomiċi flimkien ma' miżuri għall-ippjanar reġjonali u tat-trasport.

*Artikolu 4*

**Teħid kont ta' l-objettivi f'linji politiċi oħrajn**

1. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jieħdu kont ta' l-objettivi ta' dan il-Protokoll fil-linji politiċi l-oħrajn tagħhom.

2. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jantiċipaw u jevalwaw l-effetti ta' linji politiċi, strateġiji u kunċetti oħrajn implimentati barra mill-qasam tat-trasport.

*Artikolu 5*

**Parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-istituzzjonijiet kompetenti sabiex isibu l-aħjar soluzzjonijiet transkonfini u biex jilħqu qbil dwar soluzzjonijiet armonizzati.

2. Kull Parti Kontraenti għandha tiddefinixxi, fil-qafas istituzzjonali tagħha, l-aħjar livell ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet reġjonali direttament ikkonċernati sabiex tkun inkoraġġuta is-solidarjetà tar-responsabbiltà, b'mod partikolari sabiex jiġu esplojtati u żviluppati s-sinerġiji fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi tat-trasport u l-miżuri li jirriżultaw.

3. L-awtoritajiet reġjonali u lokali direttament ikkonċernati għandhom jipparteċipaw fl-istadji diversi ta' tħejjija u implimentazzjoni ta' dawn il-linji politiċi u l-miżuri fil-limiti tal-kompetenza tagħhom u fil-qafas istituzzjonali eżistenti.

*Artikolu 6*

**Regolamenti nazzjonali msaħħa**

Sabiex jiġi protett ir-reġjun Alpin li huwa ekoloġikament sensittiv u mingħajr preġudizzju għall-konvenzjonijiet internazzjonali fis-seħħ, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jieħdu miżuri li jmorru lil hinn minn dawk previsti f'dan il-Protokoll minħabba f'sitwazzjonijiet speċjali relatati maż-żoni naturali tagħhom jew abbażi tas-saħħa pubblika, is-sigurtà jew il-protezzjoni ta' l-ambjent.

KAPITOLU II

**MIŻURI SPEĊIFIĊI**

A) *STRATEĠIJI, KUNĊETTI, PROĠETTI*

*Artikolu 7*

**Strateġija ġenerali tal-politika tat-trasport**

1. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jippromwovu ġestjoni tat-trasport razzjonali u sikur, b'mod partikolari f'netwerks transkonfini, armonizzati, sabiex:

(a) jiżguraw koordinazzjoni soda bejn il-modi u l-mezzi differenti ta' trasport u jinkoraġġixxu l-intermodalità;

(b) jottimizzaw l-użu ta' sistemi u infrastrutturi ta' trasport eżistenti fl-Alpi, inkluż l-użu tat-trasmissjoni elettronika ta' data, u jgħaddu l-ispejjeż esterni u ta' l-infrastruttura lil dawk li jniġġsu kemm jista' jkun skond il-ħsara kkawżata;

(ċ) jinkoraġġixxu, permezz ta' miżuri għall-ippjanar strutturali u reġjonali, it-trasferiment tat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija għal mezzi ta' trasport li jirrispettaw aktar lill-ambjent u għal sistemi ta' trasport intermodali;

(d) jgħinu biex inaqqsu l-volum tat-traffiku.

2. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex kemm jista' jkun jiżguraw:

(a) il-protezzjoni tar-rotot ta' komunikazzjoni mill-perikli naturali;

(b) f'żoni li saritilhom ħsara partikolari bit-trasport, il-protezzjoni ta' persuni u ta' l-ambjent;

(ċ) it-tnaqqis gradwali ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jagħmlu l-ħsara u ta' l-istorbju bil-modi kollha ta' trasport inkluż permezz ta' l-użu ta' l-aħjar teknoloġiji disponibbli;

(d) aktar sigurtà fit-trasport.

*Artikolu 8*

**Evalwazzjoni u proċedura ta' konsultazzjoni intergovernattiva**

1. Fil-każ ta' xogħlijiet ġodda u fuq skala kbira ta' bini, alterazzjonijiet jew estensjonijiet kbar ta' l-infrastrutturi eżistenti tat-trasport, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex iwettqu studji tar-rakkomandabbiltà, valutazzjonijiet ta' l-impatt ambjentali u analiżi tar-riskji u biex jevalwaw ir-riżultati fid-dawl ta' l-objettivi ta' dan il-Protokoll.

2. L-ippjanar ta' l-infrastruttura tat-trasport fl-Alpi għandu jitwettaq b'mod koordinat u miftiehem. Fil-każ ta' proġetti b'impatt transkonfini sinifikanti, kull Parti Kontraenti timpenja ruħha biex twettaq, mhux aktar tard minn meta jiġu ppreżentati l-istudji, konsultazzjonijiet konġunti mal-Partijiet Kontraenti l-oħra kkonċernati. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti Kontraenti li tibni infrastruttura tat-trasport li tkun ġiet adottata skond l-ordni legali interna tagħha fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' dan il-Protokoll jew li l-ħtieġa għaliha tkun ġiet stabbilita skond il-liġi.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinkoraġġixxu konsiderazzjoni akbar tal-politika tat-trasport fil-ġestjoni ambjentali ta' impriżi fil-pajjiżi tagħhom.

B) *MIŻURI TEKNIĊI*

*Artikolu 9*

**Trasport pubbliku**

Sabiex tinżamm u tittejjeb l-istruttura ta' l-abitat u l-organizzazzjoni ekonomika ta' l-Alpi kif ukoll l-attrazzjoni tagħhom għal finijiet ta' rikreazzjoni u passatemp b'mod sostenibbli, il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jinkoraġġixxu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport pubbliku li huma adattati għall-ambjent u faċli biex jintużaw mill-utent.

*Artikolu 10*

**Trasport bil-ferrovija u trasport fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni u bil-baħar**

1. Sabiex isir użu aħjar tal-kapaċità partikolari tal-ferroviji li jilħqu l-ħtiġiet ta' trasport fuq distanzi twal, u l-użu tan-netwerk tal-ferroviji għall-attività ekonomika u t-turiżmu fl-Alpi, il-Partijiet Kontraenti għandhom, fil-limitu tal-kompetenzi tagħhom, jippromwovu:

(a) it-titjib ta' l-infrastruttura tal-ferroviji bil-bini u l-iżvilupp tar-rotot ewlenin tal-ferroviji transalpini, inklużi r-rotot ta' kollegament u terminali xierqa;

(b) l-ottimizzazzjoni ulterjuri ta' l-impriżi tal-ferroviji u l-immodernizzar tagħhom, b'mod partikolari għat-trasport transkonfini;

(ċ) l-adozzjoni ta' miżuri għat-trasferiment tat-trasport ta' merkanzija fuq distanzi twal għall-ferroviji u għal aktar armonizzazzjoni tat-tariffi għall-użu ta' l-infrastruttura tat-trasport;

(d) sistemi ta' trasport intermodali u l-iżvilupp ulterjuri tat-trasport bil-ferrovija;

(e) l-użu akbar tal-ferroviji u l-ħolqien ta' sinerġiji faċli biex jintużaw mill-utent bejn it-trasport ta' passiġġieri fuq distanzi twal, it-trasport reġjonali u t-trasport lokali.

2. Sabiex jitnaqqas il-volum ta' merkanzija fi transitu li tinġarr fuq l-art, il-Partijiet Kontraenti għandhom jinkoraġġixxu l-isforzi biex jiżdied l-użu tat-trasport fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni u bil-baħar.

*Artikolu 11*

**Trasport bit-triq**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom iżommu lura milli jibnu toroq ġodda u ta' kapaċità għolja għat-trasport transalpin.

2. Proġetti għal toroq ta' kapaċità għolja għat-trasport intra-Alpin jistgħu jinħolqu, dment li:

(a) l-objettivi mniżżla fl-Artikolu 2(2)(j) tal-Konvenzjoni Alpina jistgħu jinkisbu permezz ta' miżuri ta' prekawzjoni u ta' kumpens xierqa kif determinat mill-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali;

(b) il-ħtiġiet tat-trasport ma jistgħux jinkisbu billi jsir użu aħjar tal-kapaċità eżistenti tat-toroq u tal-ferroviji, bl-estensjoni jew il-bini ta' infrastrutturi ġodda tat-trasport bil-ferrovija u trasport fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni u bil-baħar, bit-titjib tat-trasport kombinat, jew bi kwalunkwe miżura oħra ta' organizzazzjoni tat-trasport;

(ċ) ir-riżultati ta' l-istudju tar-rakkomandabbiltà wrew li l-proġett huwa ekonomikament vijabbli, ir-riskji huma limitati u r-riżultat tal-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali huwa pożittiv;

(d) jittieħed kont ta' l-ippjanar u/jew il-programmi reġjonali u l-iżvilupp sostenibbli.

3. Madankollu, fid-dawl tal-ġeografija u l-organizzazzjoni partikolari tar-reġjun Alpin, li ma jistax dejjem ikun moqdi b'mod effiċjenti mit-trasport pubbliku waħdu, il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħrfu l-ħtieġa, f'żoni remoti, li jinħolqu u jinżammu infrastrutturi suffiċjenti tat-trasport sabiex it-trasport privat ikun jista' jiffunzjona.

*Artikolu 12*

**Trasport bl-ajru**

1. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu safejn huwa possibbli l-ħsara ambjentali kkawżata mit-trasport bl-ajru, inkluż l-istorbju ta' l-inġenji ta' l-ajru, mingħajr ma jittrasferuha għal reġjuni oħrajn. B'kont meħud ta' l-objettivi ta' dan il-Protokoll, huma għandhom jagħmlu sforzi biex jillimitaw jew, fejn xieraq, jipprojbixxu l-inżul ta' inġenji ta' l-ajru f'postijiet oħrajn minbarra f'ajruporti. Sabiex tiġi protetta l-fawna salvaġġa, il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu miżuri biex jimponu limiti ta' ħin u ta' post fuq trasport bl-ajru mhux motorizzat għal finijiet ta' passatemp.

2. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex itejbu s-sistemi ta' trasport pubbliku li jikkollegaw l-ajruporti fit-trufijiet ta' l-Alpi mad-diversi reġjuni Alpini sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw id-domanda għat-trasport mingħajr ma ssir aktar ħsara lill-ambjent. F'dan il-kuntest, il-Partijiet Kontraenti għandhom jirristrinġu kemm jista' jkun il-bini ta' ajruporti ġodda u kwalunkwe estensjoni kbira ta' l-ajruporti eżistenti fl-Alpi.

*Artikolu 13*

**Faċilitajiet għat-turisti**

1. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom biex jevalwaw, fid-dawl ta' l-objettivi ta' dan il-Protokoll, l-impatt ta' faċilitajiet ġodda għat-turisti fuq it-trasport u, jekk meħtieġ, biex jieħdu miżuri ta' prekawzjoni jew ta' kumpens biex jissodisfaw l-objettivi ta' dan il-Protokoll jew ta' Protokolli oħrajn. F'dan il-każ għandha tingħata prijorità lit-trasport pubbliku.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jappoġġaw il-ħolqien u ż-żamma ta' żoni bi ftit traffiku u ta' dawk mingħajr traffiku, l-esklużjoni ta' karozzi minn ċerti lokalitajiet turistiċi u miżuri li jinkoraġġixxu lit-turisti biex ma jaslux bil-karozzi jew ma jużawx karozzi.

*Artikolu 14*

**Spejjeż reali**

Sabiex jipprovaw jinfluwenzaw l-organizzazzjoni tar-rotot tat-trasport billi jieħdu kont akbar ta' l-ispejjeż reali tal-modi diversi tat-trasport, il-Partijiet Kontraenti jaqblu li japplikaw il-prinċipju li "min iniġġes iħallas" u li jappoġġaw l-istabbiliment u l-użu ta' sistema għall-kalkolu ta' l-ispejjeż ta' l-infrastruttura u l-ispejjeż esterni. L-objettiv hu li jiġu introdotti gradwalment sistemi ta' tassazzjoni speċifiċi għat-trasport biex ikopru tali spejjeż reali b'mod ġust u biex:

(a) ikun inkoraġġut l-użu tal-modi u l-mezzi tat-trasport li jirrispettaw lill-ambjent l-aktar;

(b) jinkiseb użu aktar ibbilanċjat ta' l-infrastruttura tat-trasport;

(ċ) jiġu pprovduti inċentivi biex isir aktar użu minn opportunitajiet għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż ambjentali u soċjo-ekonomiċi permezz ta' miżuri għall-ippjanar strutturali u reġjonali li jkollhom impatt fuq it-trasport.

Ċ) *SORVELJANZA U KONTROLL*

*Artikolu 15*

**Forniment u użu ta' l-infrastruttura tat-trasport**

1. Il-Partijiet Kontraenti jinpenjaw ruħhom biex jirreġistraw u jaġġornaw perjodikament f'dokument ta' referenza l-istat, l-iżvilupp, u l-użu ta' jew it-titjib f'infrastruttura ta' trasport u sistemi ta' trasport ta' kapaċità għolja u t-tnaqqis ta' ħsara ambjentali. Huma għandhom jużaw preżentazzjoni uniformi għal dan il-għan.

2. Abbażi tad-dokument ta' referenza ta' hawn fuq, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkunsidraw kemm il-miżuri ta' implimentazzjoni kkontribwixxew għall-kisba u l-iżvilupp ulterjuri ta' l-objettivi tal-Konvenzjoni Alpina u, b'mod partikolari, dan il-Protokoll.

*Artikolu 16*

**Objettivi, standards u indikaturi tal-kwalità ta' l-ambjent**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw objettivi tal-kwalità ta' l-ambjent għall-istabbiliment ta' mezzi sostenibbli ta' trasport.

2. Huma jaqblu dwar il-ħtieġa li jkun hemm standards u indikaturi xierqa għall-ħtiġiet speċifiċi tar-reġjun Alpin.

3. L-applikazzjoni ta' dawn l-istandards u l-indikaturi hija maħsuba biex tkejjel bidliet li jaffettwaw l-ambjent u s-saħħa dovuti għall-ħsara mit-trasport.

KAPITOLU III

**KOORDINAZZJONI, RIĊERKA, TAĦRIĠ U INFORMAZZJONI**

*Artikolu 17*

**Koordinazzjoni u informazzjoni**

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu, fejn meħtieġ, li jkollhom laqgħat konġunti sabiex:

(a) jevalwaw l-impatt tal-miżuri meħuda skond dan il-Protokoll;

(b) jikkonsultaw lil xulxin qabel kwalunkwe deċiżjoni importanti rigward il-politika tat-trasport li x'aktarx ikollha impatt fuq l-Istati Kontraenti l-oħrajn;

(ċ) jinkoraġġixxu skambji ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, waqt li jagħtu prijorità għall-użu tas-sistemi eżistenti ta' informazzjoni;

(d) jilħqu qbil qabel kwalunkwe deċiżjoni importanti rigward il-politika tat-trasport, b'mod partikolari sabiex jinkorporawha f'politika ta' l-ippjanar reġjonali transkonfini u armonizzata.

*Artikolu 18*

**Riċerka u osservazzjoni**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jinkoraġġixxu u jarmonizzaw ir-riċerka fi u l-osservazzjoni sistematika ta' l-interazzjoni bejn it-trasport u l-ambjent fl-Alpi u l-iżviluppi speċifiċi fit-teknoloġija li jżidu l-effiċjenza ekonomika ta' sistemi ta' trasport li jirrispettaw l-ambjent.

2. Għandu jittieħed kont dovut tar-riżultati tar-riċerka u l-osservazzjoni konġunta fil-konsiderazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-Protokoll, b'mod partikolari sabiex jinħolqu metodi u kriterji li jagħmlu possibbli d-definizzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli tat-traffiku.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li d-diversi riżultati tar-riċerka nazzjonali u ta' l-osservazzjoni sistematika jkunu inklużi f'sistema komuni u permanenti ta' osservazzjoni u ta' informazzjoni u li dawn isiru aċċessibbli għall-pubbliku skond il-qafas istituzzjonali eżistenti.

4. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jappoġġaw il-proġetti pilota għall-implimentazzjoni ta' kunċetti u teknoloġiji sostenibbli tat-trasport.

5. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jappoġġaw ir-riċerka dwar l-applikabbiltà ta' metodi għall-valutazzjoni ta' l-impatt strateġika u intermodali fl-Alpi.

*Artikolu 19*

**Taħriġ u forniment ta' informazzjoni lill-pubbliku**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinkoraġġixxu t-taħriġ bażiku u kontinwu u l-forniment ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar l-objettivi, il-miżuri u l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

KAPITOLU IV

**SORVELJANZA U EVALWAZZJONI**

*Artikolu 20*

**Implimentazzjoni**

Il-Partijiet Kontraenti jinpenjaw ruħhom biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll billi jieħdu kwalunkwe miżura xierqa fil-qafas istituzzjonali eżistenti.

*Artikolu 21*

**Sorveljanza tal-konformità ma' l-obbligi tal-Protokoll**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrapportaw regolarment lill-Kumitat Permanenti dwar il-miżuri meħuda skond dan il-Protokoll. Ir-rapporti għandhom ikopru wkoll l-effikaċja tal-miżuri meħuda. Il-Konferenza Alpina għandha tiddetermina l-intervalli li fihom għandhom jitressqu r-rapporti.

2. Il-Kumitat Permanenti għandu jeżamina dawn ir-rapporti sabiex jiżgura li l-Partijiet Kontraenti jkunu ssodisfaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dan il-Protokoll. Huwa jista' wkoll jitlob għal informazzjoni addizzjonali mill-Partijiet Kontraenti kkonċernati jew jirrikorri għal sorsi oħrajn ta' informazzjoni.

3. Il-Kumitat Permanenti għandu jfassal rapport dwar il-konformità tal-Partijiet Kontraenti ma' l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-Protokoll, għall-attenzjoni tal-Konferenza Alpina.

4. Il-Konferenza Alpina għandha tieħu nota ta' dan ir-rapport. Jekk issib li l-obbligi ma ntlaħqux, hija tista' tadotta rakkomandazzjonijiet.

*Artikolu 22*

**Evalwazzjoni ta' l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jeżaminaw u jevalwaw regolarment l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Huma għandhom, jekk meħtieġ, jikkunsidraw l-adozzjoni ta' emendi xierqa għal dan il-Protokoll għall-avvanz tal-kisba ta' l-objettivi.

2. L-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ikunu assoċjati ma' din l-evalwazzjoni fil-qafas istituzzjonali eżistenti. Jistgħu jiġu kkonsultati organizzazzjonijiet non-governattivi attivi f'dan il-qasam.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 23*

**Rabtiet bejn il-Konvenzjoni Alpina u l-Protokoll**

1. Dan il-Protokoll jikkostitwixxi Protokoll għall-Konvenzjoni Alpina fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tagħha u kwalunkwe artikolu rilevanti ieħor tal-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Alpina biss jistgħu jsiru parti għal dan il-Protokoll. Kwalunkwe denunzja tal-Konvenzjoni Alpina timplika denunzja ta' dan il-Protokoll ukoll.

3. Fejn il-Konferenza Alpina tiddiskuti kwistjonijiet relatati ma' dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti għal dan il-Protokoll biss jistgħu jieħdu sehem fil-votazzjoni.

*Artikolu 24*

**Firma u ratifika**

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni Alpina u mill-Komunità Ewropea fil-31 ta' Ottubru 2000 u mir-Repubblika ta' l-Awstrija, bħala d-depożitarja, mis-6 ta' Novembru 2000.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti li jkunu esprimew li jaqblu li jkunu marbuta bil-Protokoll imsemmi tliet xhur wara d-data li fiha tliet Stati jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni tagħhom.

3. Għall-Partijiet li jesprimu aktar tard li jaqblu li jkunu marbuta bil-Protokoll, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data tad-depożitu ta' l-istrumenti ta' ratifika, ta' aċċetazzjoni jew ta' approvazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ ta' emenda għall-Protokoll, kwalunkwe Parti Kontraenti ġdida għall-Protokoll imsemmi għandha ssir Parti Kontraenti għall-Protokoll, kif emendat.

*Artikolu 25*

**Notifika**

Id-depożitarju għandu, fir-rigward ta' dan il-Protokoll, jinnotifika lil kull Stat imsemmi fil-Preambolu u lill-Komunità Ewropea dwar:

(a) kwalunkwe firma;

(b) l-introduzzjoni ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni;

(ċ) kwalunkwe data ta' dħul fis-seħħ;

(d) kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula minn Parti Kontraenti jew firmatarja;

(e) kwalunkwe denunzja notifikata minn Parti Kontraenti, inkluża d-data li fiha din issir effettiva.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif dovut għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul f'Luċerna dan il-wieħed u tletin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn, bil-lingwa Franċiża, Ġermaniża, Taljana u Slovena, fejn l-erba' testi huma ugwalment awtentiċi, f'oriġinal uniku li għandu jiġi depożitat fl-Arkivji ta' l-Istat ta' l-Awstrija. Id-depożitarju għandu jibgħat kopja ċċertifikata lil kull wieħed mill-Istati firmatarji.

Għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja,

Għar-Repubblika Franċiża,

Għar-Repubblika Taljana,

Għall-Prinċipalità ta' Liechtenstein,

Għall-Prinċipalità ta' Monako,

Għar-Repubblika ta' l-Awstrija,

Għall-Konfederazzjoni Żvizzera,

Għar-Repubblika tas-Slovenja,

Għall-Komunità Ewropea.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-5 ta' Ġunju 2007

## dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

(2007/800/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi ([1]), jipprovdi, fl-Artikolu 13 tiegħu, li ċ-Ċentru għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li mhumiex fil-Komunità li jikkondividu l-interessi tal-Komunità u dawk ta' l-Istati Membri tagħha fl-objettivi u l-ħidma taċ-Ċentru.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mar-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi.

(3) Soġġett għall-konklużjoni tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi huwa b' dan approvat f' isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jinnomina l-persuna(i) mogħtija s-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim, f'isem il-Komunità Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmula fil-Lussemburgu, 5 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. STEINBRÜCK

([1]) ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).

# FTEHIM

## bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga

Il-KOMUNITÀ EWROPEA minn hawn 'il quddiem "il-Komunità",

minn naħa waħda, u

Ir-REPUBBLIKA TAT-TURKIJA, minn hawn 'il quddiem "it-Turkija",

min-naħa l-oħra,

Minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet Kontraenti",

FILWAQT li jfakkru li l-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu fl-1997 għamel il-parteċipazzjoni fil-programmi u l-aġenziji tal-Komunità mod kif tiġi intensifikata l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni.

FILWAQT li jikkunsidraw li l-Komunità Ewropea permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 ([1]) ("ir-Regolament"), stabbilixxa ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ("iċ-Ċentru"),

BILLI r-Regolament jistipula fl-Artikolu 13 tiegħu li ċ-Ċentru għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-Pajjiżi li mhumiex parti mill-Komunità u li jikkondividu l-interessi tal-Komunità u dawk ta' l-Istati Membri tagħha,

BILLI t-Turkija tikkondividi l-għanijiet u l-miri stabbiliti għaċ-Ċentru fir-Regolament għaliex l-għan aħħari tat-Turkija huwa li ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea,

BILLI t-Turkija taqbel mad-deskrizzjoni tad-dmirijiet taċ-Ċentru u mal-metodu ta' ħidma tiegħu u l-oqsma ta' prijorità kif deskritti fir-Regolament,

BILLI hemm fit-Turkija istituzzjoni adattata sabiex tiġi inkluża fin-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Parteċipazzjoni**

It-Turkija għandha tipparteċipa b'mod sħiħ fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ("iċ-Ċentru"), skond it-termini stabbiliti f'dan il-Ftehim.

*Artikolu 2*

**Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga**

1. It-Turkija għandha tkun inkluża fin-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ("REITOX").

2. It-Turkija għandha tinnotifika liċ-Ċentru dwar l-elementi prinċipali tan-netwerk nazzjonali ta' informazzjoni fi żmien 28 ġurnata mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, inkluż iċ-ċentru nazzjonali tagħha ta' monitoraġġ, u ssemmi kull ċentru speċjalizzat ieħor li jista' jagħti kontribut utli għall-ħidma taċ-Ċentru.

*Artikolu 3*

**Bord tat-Tmexxija**

Il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru għandu jistieden rappreżentant tat-Turkija sabiex jipparteċipa fil-laqgħat tiegħu. Dan ir-rappreżentant għandu jipparteċipa b'mod sħiħ mingħajr id-dritt tal-vot. Il-Bord tat-Tmexxija jista' bħala eċċezzjoni jsejjaħ laqgħa ristretta għar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea dwar kwistjonijiet ta' interess partikolari għall-Komunità u l-Istati Membri tagħha.

Il-Bord tat-Tmexxija, f'laqgħa li tinkludi r-rappreżentanti tat-Turkija għandu jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru.

([1]) ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.09.2003, p.30).

*Artikolu 4*

**Baġit**

It-Turkija għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet taċ-Ċentru f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I għal dan il-Ftehim, li għandu jifforma parti integrali minnu.

*Artikolu 5*

**Protezzjoni u Kunfidenzjalità tad-Dejta**

1. Fejn, fuq il-bażi ta' dan il-Ftehim, dejta personali li ma tippermettix li jkunu identifikati persuni naturali hija trasferita miċ-Ċentru lill-awtoritajiet Torok f'konformità mal-liġi tal-Komunità u t-Turkija, din id-dejta tista' tintuża biss għall-iskop dikjarat u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità li tittrasferixxi d-dejta.

2. Id-dejta dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga pprovduta lill-awtoritajiet Torok miċ-Ċentru tista' tkun ippubblikata dement li jiġu rispettati r-regoli tal-Komunità u tat-Turkija dwar id-disseminazzjoni u l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni. Dejta personali ma tistax tiġi ppubblikata jew jingħata aċċess għaliha lill-pubbliku.

3. Ċentri speċjalizzati magħżula fit-Turkija m'għandhom ikunu taħt l-ebda obbligu li jipprovdu informazzjoni klassifikata bħala kunfidenzjali taħt il-liġi Torka.

4. Fir-rigward ta' dejta pprovduta mill-awtoritajiet Torok liċ-Ċentru, dan ta' l-aħħar huwa marbut mir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Status Legali**

Iċ-Ċentru għandu jkollu l-personalità legali tiegħu taħt il-liġi Torka u għandu jgawdi fit-Turkija l-akbar kapaċita legali mogħtija lil persuni legali taħt il-liġi Torka.

*Artikolu 7*

**Responsabbiltà**

Ir-responsabbiltà taċ-Ċentru għandha tkun iggvernata mir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament.

*Artikolu 8*

**Privileġġi**

It-Turkija għandha tapplika għaċ-Ċentru l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, li, bħala l-Anness II ta' dan il-Ftehim, għandu jifforma parti integrali minnu.

*Artikolu 9*

**Regolamenti ta' l-Istaff**

B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, persuni ta' nazzjonalità Torka li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom ta' ċittadini jistgħu jkunu impjegati b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv taċ-Ċentru.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom japprovaw dan il-Ftehim skond il-proċeduri tagħhom.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri msemmija fl-ewwel sub-paragrafu.

*Artikolu 11*

**Validità u Terminazzjoni**

1. Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu mhux limitat. Għandu jiskadi meta t-Turkija taderixxi ma' l-Unjoni Ewropea.

2. Kull waħda miż-żewġ Partijiet Kontraenti tista' tiddenunċja dan il-Ftehim b'notifika bil-miktub lill-Parti Kontraenti l-oħra. Dan il-Ftehim ma jibqax fis-seħħ sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika.

Съставено в Брюксел на тридесети октомври две хиляди и седма година.

Hecho en Bruselas, el treinta de octubre de dos mil siete.

V Bruselu dne třicátého října dva tisíce sedm.

Udfærdiget i Bruxelles, den tredivte oktober to tusind og syv.

Geschehen zu Brüssel am dreißigsten Oktober zweitausendsieben.

Kahe tuhande seitsmenda aasta oktoobrikuu kolmekümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τριάντα Οκτωβρίου δύο χιλιάδες επτά.

Done at Brussels on the thiertieth day of October in the year two thousand and seven.

Fait à Bruxelles, le trente octobre deux mille sept.

Fatto a Bruxelles, addì trenta ottobre duemilasette.

Briselē, divtūkstoš septītā gada trīsdesmitajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai septintųjų metų spalio trisdešimtą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-hetedik év október harmincadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tletin-il jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa.

Gedaan te Brussel, de dertigste oktober tweeduizend zeven.

Sporządzono w Brukseli, dnia trzydziestego października roku dwa tysiące siódmego.

Feito em Bruxelas, em trinta de Outubro de dois mil e sete.

Încheiat la Bruxelles, treizeci octombrie două mii șapte.

V Bruseli dna tridsiateho októbra dvetisícsedem.

V Bruslju, dne tridesetega oktobra leta dva tisoč sedem.

Tehty Brysselissä kolmantenakymmenentenä päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattaseitsemän.

Som skedde i Bryssel den trettionde oktober tjugohundrasju.

Brüksel'de, otuz Ekim ikibinyedi gününde yapilmiştir.

За Европейската общност
Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Pentru Comunitatea Europeană
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar
Avrupa Topluluğu adina



За Република Турция
Por la Republica de Turquia
Za Tureckou republiku
For Republikken Tyrkiet
Für die Republik Türkei
Türgi Vabariigi nimel
Για την Τουρκική Δημοκρατία
For the Republic of Turkey
Pour la République de Turquie
Per la Repubblica di Turchia
Turcijas Republikas vārdā
Turkijos Respublikos vardu
A Török Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tat-Turkija
Voor de Republiek Turkije
W imieniu Republiki Turcji
Pela República da Turquia
Pentru Republica Turcia
Za Turecký republiku
Za Republiko Turčijo
Turkin tasavallan puolesta
För Republiken Turkiet
Türkiye Cumhuriyeti adina



*ANNESS I*

**KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA TAT-TURKIJA GĦAĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-MONITORAĠĠ TAD-DROGA U D-DIPENDENZA FUQ ID-DROGA**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mit-Turkija għall-baġit ġenerali ta’ l-Unjoni Ewropea sabiex tipparteċipa fiċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (“iċ-Ċentru”) se tiżdied progressivament fuq perjodu ta’ erba’ snin li matulu l-attivitajiet ikunu introdotti gradwalment mit-Turkija. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji meħtieġa huma:

| | |
|---|---|
| — matul l-ewwel sena tal-parteċipazzjoni | EUR 100 000 |
| — matul it-tieni sena tal-parteċipazzjoni | EUR 150 000 |
| — matul it-tielet sena tal-parteċipazzjoni | EUR 210 000 |
| — matul ir-raba’ sena tal-parteċipazzjoni | EUR 271 000 |

Mill-ħames sena tal-parteċipazzjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali li għandha titħallas mit-Turkija liċ-Ċentru għandha tkun il-kontribuzzjoni tar-raba’ sena tal-parteċipazzjoni indiċjata bir-rata ta’ żieda tas-sussidju tal-Komunità għaċ-Ċentru.

2. It-Turkija tista’ parzjalment tuża għajnuna tal-Komunità sabiex tħallas il-kontribuzzjoni liċ-Ċentru b’kontribut massimu tal-Komunità ta’ 75 % fl-ewwel sena, 60 % fit-tieni sena u 50 % wara dan. Suġġetti għal proċedura separata ta’ programmar, il-fondi tal-Komunità mitluba għandhom ikunu trasferiti lit-Turkija permezz ta’ memorandum separat ta’ finanzjament. Il-parti li tibqa’ mill-kontribuzzjoni għandha tkun koperta mit-Turkija.

3. Il-kontribuzzjoni tat-Turkija għandha tkun amministrata skond ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali ta’ l-Unjoni Ewropea.

   Spejjeż ta’ l-ivjaġġar u ta’ l-għajxien tar-rappreżentanti u l-esperti tat-Turkija għall-iskopijiet tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet taċ-Ċentru jew laqgħat relatati ma’ l-implimentazzjoni tal-programm ta’ ħidma taċ-Ċentru għandhom ikunu rimbursati miċ-Ċentru fuq l-istess bażi bħall-proċeduri li huma bħalissa fis-seħħ għall-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea u f’konformità magħhom.

4. Għall-ewwel sena kalendarja tal-parteċipazzjoni tagħha, it-Turkija se tħallas kontribuzzjoni kkalkulata mid-data tal-parteċipazzjoni sa l-aħħar tas-sena fuq bażi pro-rata. Għas-snin ta’ wara, il-kontribuzzjoni tkun skond dan il-Ftehim.

*ANNESS II*

## PROTOKOLL DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

IL-PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li, f'konformità ma' l-Artikolu 28 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kunsill Uniku u l-Kummissjoni Unika tal-Komunitajiet Ewropej, dawn il-Komunitajiet u l-Bank Ewropew għall-Investiment għandhom igawdu fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u immunitajiet li huma neċessarji għat-twettiq tal-ħidmiet tagħhom,

QABLU fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi ma' dan it-Trattat.

KAPITOLU I

### PROPRJETÀ, FONDI, ASSI U OPERAZZJONIJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Artikolu 1*

L-istabbilimenti u l-bini tal-Komunitajiet għandhom ikunu invjolabbli. Ma jistgħux ikunu sottomessi għal tfittxija, rekwisizzjoni, konfiska jew esproprjazzjoni. Il-proprjetà u l-assi tal-Komunitajiet m'għandhomx ikunu suġġetti għal xi miżura amministrattiva jew legali li jirrestrinġu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

*Artikolu 2*

L-arkivji ta' l-Unjoni għandhom ikunu invjolabbli.

*Artikolu 3*

Il-Komunitajiet, l-assi, d-dħul u proprjetà oħra tagħhom għandhom ikunu eżenti mit-taxxi diretti kollha.

Il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom, fejn hu possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa biex jittrasferixxu jew jirrimborsaw l-ammont ta' taxxa indiretta jew taxxa fuq il-bejgħ inkluża fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Komunitajiet jagħmlu, għall-użu uffiċjali tagħhom, xiri sostanzjali ta' oġġetti li l-prezz tagħhom jkun jinkludi taxxi ta' din ix-xorta. B'danakollu dawn id-disposizzjonijiet m'għandhomx jiġu applikati b'tali mod li jkollhom l-effett li jikkaġunaw distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-Komunitajiet.

L-ebda eżenzjoni ma għandha tingħata fir-rigward ta' taxxi u pagamenti oħra li jammontaw sempliċiment bħala ħlas biss għal servizzi pubbliċi.

*Artikolu 4*

Il-Komunitajiet għandhom ikunu eżenti minn kull dazju doganali, projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni fir-rigward ta' oġġetti li jkunu maħsuba għall-użu uffiċjali tagħhom. Oġġetti li jkunu ġew importati b'dan il-mod ma jistgħux jiġu trasferiti, kemm jekk għal ħlas u anki jekk le, fit-territorju ta' l-Istat fejn ikunu ġew importati, ħlief taħt kondizzjonijiet li jkunu approvati mill-gvern ta' dak l-Istat.

Il-Komnitajiet għandhom wkoll ikunu eżenti minn kull dazju doganali u kull projbizzjoni u restrizzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 5*

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar tista' iżżomm valuti ta' kull tip u topera kontijiet f'kull valuta.

KAPITOLU II

### KOMUNIKAZZJONIJIET U *LAISSEZ-PASSER*

*Artikolu 6*

Għall-komunikazzjonijiet u t-trasmissjoni uffiċjali tad-dokumenti tagħhom kollha, l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet għandhom igawdu fit-territorju ta' kull Stat Membru t-trattament mogħti minn dak l-Istat lill-missjonijiet diplomatiċi.

Il-korrispondenza uffiċjali u komunikazzjonijiet uffiċjali oħra ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet ma għandhomx ikunu sottomessi għal ċensura.

*Artikolu 7*

1. *Laissez-passer* f'forma li għandha tiġi preskritta mill-Kunsill u li għandhom ikunu rikonoxxuti bħala dokumenti ta' l-ivvjaġġar validi mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, jistgħu jinħarġu lill-membri u l-impjegati ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni mill-Presidenti ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dawn il-*laissez-passer* għandhom jinħarġu lil uffiċjali u impjegati oħra taħt kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti ta' l-Istaff għall-Uffiċjali u l Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-Agenti l-oħra tal-Komunitajiet

Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehim sabiex dawn il-*laissez-passer* ikunu rikonoxxuti bħala dokumenti ta' l-ivvjaġġar validi fit-territorju ta' Stati terzi.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar għandhom, madankollu, jibqgħu applikabbli għall-membri u l-impjegati ta' l-istituzzjonijiet li huma fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat fil-pussess tal-*laissez passer* li jipprovdi għalih dak l-Artikolu, sakemm id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkunu applikati.

## KAPITOLU III

## MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Artikolu 8*

L-ebda restrizzjoni amministrattiva jew ta' natura oħra ma għandha tiġi imposta fuq il-moviment liberu tal-membri tal-Parlament Ewropew li jivvjaġġaw lejn jew mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

Il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom, fir-rigward tad-dwana u tal-kontroll tal-kambju, jingħataw:

(a) mill-gvern tagħhom stess, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lill-uffiċjali għolja li jivvjaġġaw barra mill-pajjiż fuq missjonijiet uffiċjali temporanji;

(b) mill-gvern ta' Stati Membri oħra, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lil rappreżentanti ta' gvernijiet barranin fuq missjonijiet uffiċjali temporanji.

*Artikolu 9*

Il-membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe forma ta' inkjesta, detenzjoni jew proċedimenti legali fir-rigward ta' opinjonijiet jew voti espressi minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

*Artikolu 10*

Matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu għandhom igawdu:

(a) fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;

(b) immunità kemm mid-detenzjoni u kemm mill-proċeduri legali kontra tagħhom fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor.

L-immunità għandha tapplika bl-istess mod għall-membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tiġi invokata la meta membru jinqabad fil-fatt li jwettaq reat u lanqas ma żżomm lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-membri tiegħu.

## KAPITOLU IV

## RAPPREŻENTANTI TA' STATI MEMBRI LI JIEĦDU SEHEM FIX-XOGĦOL TA' L-ISTITUZZJONIJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Artikolu 11*

Ir-rappreżentanti ta' Stati Membri li jieħdu sehem fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, il-konsulenti u l-esperti tekniċi tagħhom għandhom, fil-qadi ta' dmirijiethom u waqt li jivvjaġġaw lejn u mill-post tal-laqgħa, igawdu mill-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet konswetudinarji.

Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-membri tal-korpi konsultattivi tal-Komunitajiet.

KAPITOLU V

**UFFIĊJALI U IMPJEGATI OĦRA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

*Artikolu 12*

Fit-territorju ta' kull Stat Membru u tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra ta' l-Unjoni għandhom:

(a) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tat-Trattati li għandhom x'jaqsmu, min-naħa l-waħda, mar-regoli dwar ir-responsabbiltà ta' l-uffiċjali u impjegati oħra lejn il-Komunitajiet u, min-naħa l-oħra, mal-kompetenza tal-Qorti f'kwistjonijiet bejn il-Komunitajiet u l-uffiċjali tagħhom u impjegati oħra, għandhom igawdu l-immunità minn proċedimenti legali rigward l-atti li jkunu wettqu fil-kariga uffiċjali tagħhom, inklużi l-kliem u l-kitba tagħhom. Huma għandhom jibqgħu jgawdu din l-immunità wara li jkunu spiċċaw mill-kariga;

(b) ma jkunux soġġetti għad-disposizzjonijiet li jirrestrinġu l-immigrazzjoni u għall-formalitajiet għar-reġistrazzjoni tal-barranin. L-istess japplika għall-konjuġi u għall-membri dipendenti tal-familji tagħhom;

(ċ) fir-rigward tar-regolamenti dwar il-munita jew il-kambju, jingħataw l-istess faċilitajiet li b'konswetudini jingħataw lill-uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) igawdu d-dritt li jimportaw mingħajr dazju l-għamara u l-effetti personali tagħhom meta jassumu l-funzjoni tagħhom għall-ewwel darba fl-Istat kkonċernat, u d-dritt li jerġgħu jesportaw bla ma jħallsu dazju l-għamara u l-affarijiet tagħhom, meta jispiċċaw jaqdu dmirijiethom f'dak l-Istat, bla ħsara fi kwalunkwe każ għall-kondizzjonijiet li l-gvern ta' dak l-Istat fejn dan id-dritt jiġi eżerċitat, jikkunsidra neċessarji;

(e) ikollhom id-dritt li jimportaw mingħajr dazju karozza għall-użu personali tagħhom, li tkun inxtrat jew fl-Istat fejn kienu qed jirresjedu l-aħħar, jew fl-Istat li tiegħu huma ċittadini, skond il-kondizzjonijiet tas-suq intern fis-seħħ f'dak l-Istat, u li jerġgħu jesportawha bla ma jħallsu dazju, bla preġudizzju, fi kwalunkwe każ, għall-kondizzjonijiet li l-gvern tal-pajjiż ikkonċernat jikkunsidra neċessarji.

*Artikolu 13*

L-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet għandhom iħallsu taxxa, għall-benefiċċju tal-Komunitajiet, fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti li jkunu irċevew mill-Komunitajiet, skond il-kondizzjonijiet u l-proċedura stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

Huma għandhom ikunu eżenti mit-taxxi nazzjonali fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa mill-Komunitajiet.

*Artikolu 14*

Fl-applikazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul, it-taxxa fuq il-ġid u t-taxxa tas-suċċessjoni u fl-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet dwar il-ħelsien mit-taxxa doppja konklużi bejn Stati Membri tal-Komunitajiet, uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet li, għar-raġuni unika li jwettqu dmirijiethom fis-servizz tal-Komunitajiet, jistabbilixxu r-residenza tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx il-pajjiz tad-domiċilju tagħhom għal skopijiet ta' taxxa meta huma jidħlu fis-servizz tal-Komunitajiet, għandhom jitqiesu, sew fil-pajjiż tar-residenza attwali tagħhom, u kif ukoll fil pajjiż tad-domiċilju tagħhom għal skopijiet ta' taxxa, daqs li kieku żammew id-domiċilju tagħhom fil-pajjiż l-aħħar imsemmi, sakemm dak il-pajjiż ikun membru tal-Komunitajiet. Din id-disposizzjoni għandha tapplika wkoll għall-konjuġi, sakemm dan jew din ta' l-aħħar ma jkunx jew ma tkunx qed jagħmel/tagħmel xogħol bi qligħ, u għal tfal dipendenti u taħt il-ħarsien tal-persuni msemmija f'dan l-Artikolu.

Proprjetà mobbli li hi tal-persuni msemmija fil-paragrafu preċedenti u li tinsab fit-territorju tal-pajjiż fejn huma qed joqogħdu għandha tkun eżenti mid-dazji fuq il-mewt f'dak il-pajjiż; it-tali propjeta' għandha, għall-valutazzjoni tat-tali dazju, tkun ikkunsidrata bħala li hi fil-pajjiż tad-domiċilju għal skopijiet ta' taxxa, bla ħsara għad-drittijiet tal-pajjiżi li m'humiex membri għall-applikazzjoni possibbli tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali fuq it-taxxa doppja.

Kull domiċilju li jkun akkwistat purament minħabba t-twettiq ta' dmirijiet fis-servizz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ma għandux ikun kkunsidrat meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 15*

Il-Kunsill għandu, billi jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jistabbilixxi l-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet.

*Artikolu 16*

Il-Kunsill għandu, billi jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra involuti, jistabbilixxi l-kategoriji ta’ uffiċjali u ta’ impjegati oħra tal-Komunitajiet li għalihom japplikaw sħaħ, jew parzjalment, id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 13, u l-Artikolu 14.

L-ismijiet, il-gradi u l-indirizzi ta’ l-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn inklużi fit-tali kategoriji għandhom ikunu kkomunikati perjodikament lill-Gvernijiet ta’ l-Istati Membri.

KAPITOLU VI

**PRIVILEĠĠI U IMMUNITAJIET TAL-MISSJONIJIET TA’ PAJJIŻI LI M’HUMIEX MEMBRI AKKREDITATI LILL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ**

*Artikolu 17*

L-Istati Membri li fit-territorju tagħhom il-Komunitajiet għandhom is-sede tagħhom għandhom jagħtu l-immunitajiet u l-privileġġi diplomatiċi konswetudinarji lill-missjonijiet ta’ pajjiżi mhux membri li huma akkreditati għall-Komunitajiet.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 18*

Privileġġi, immunitajiet u faċilitajiet għandhom jingħataw lil uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet unikament fl-interessi tal-Komunitajiet.

Kull istituzzjoni tal-Komunitajiet għandu jkollha tneħħi l-immunità li tingħata lil uffiċjal jew impjegat ieħor kulfejn dik l-istituzzjoni tqis li t-tneħħija ta’ dik l-immunità ma tmurx kontra l-interessi tal-Komunitajiet.

*Artikolu 19*

L-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet għandhom, fl-applikazzjoni ta’ dan il-Protokoll, jikkooperaw ma’ l-awtoritajiet responsabbli ta’ l-Istati Membri involuti.

*Artikolu 20*

L-Artikoli 12 sa 15 u l-Artikolu 18 japplikaw għal Membri tal-Kummissjoni.

*Artikolu 21*

L-Artikoli 12 sa 15 u l-Artikolu 18 għandhom japplikaw għall-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali, ir-Reġistratur u l-Assistenti Relaturi tal-Qorti tal-Ġustizzja u għall-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim’ Istanza, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 3 tal-Protokolli dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta’ immunità minn proċedimenti legali ta’ l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali.

*Artikolu 22*

Dan il-Protokoll għandu japplika wkoll għall-Bank Ewropew ta’ l-Investiment, għall-membri ta’ l-organi tiegħu, għall-impjegati tiegħu u għar-rappreżentanti ta’ l-Istati Membri li jkunu qegħdin jieħdu sehem fl-attivitajiet tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank.

Il-Bank Ewropew għall-Investiment għandu, barra minn hekk, ikun eżentat minn kull għamla ta’ tassazzjoni jew impożizzjoni simili f’każ ta’ xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkollhom x’jaqsmu ma’ dan fl-Istat fejn il-Bank ikollu s-sede tiegħu. Bl-istess mod, ix-xoljiment jew l-istralċ tiegħu m’għandhom jagħtu lok għal ebda impożizzjoni. Finalment, l-attivitajiet tal-Bank u ta’ l-organi tiegħu mwettqa skond l-Istatut tiegħu m’għandhomx ikunu suġġetti għal xi taxxa fuq it-*turnover*.

*Artikolu 23*

Dan il-Protokoll għandu wkoll japplika għall-Bank Ċentrali Ewropew, għall-membri ta' l-organi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, barra minn hekk, ikun eżentat minn kull għamla ta' tassazzjoni jew impożizzjoni ta' xorta simili f'każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkunu marbuta ma' dan, fl-Istat fejn il-Bank ikollu s-sede tiegħu. L-attivitajiet tal-Bank u ta' l-organi tiegħu mwettqa skond l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew m'għandhomx ikunu suġġetti għal xi taxxa fuq it-*turnover*.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom ukoll japplikaw għall-Istitut Monetarju Ewropew. Ix-xoljiment jew likwidazzjoni tiegħu m'għandhiex tirriżulta f'xi impożizzjoni.

B'XHIEDA ta' DAN, il-Plenipotenzjarji hawn taħt iffirmati ffirmaw dan il-Protokoll. Magħmul fi Brussell dan it-tmien jum ta' April fis-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika ta' l-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika ta' l-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakka

(2007/801/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen minbarra dawk imsemmija fl-Anness I ma' l-Att imsemmi għandhom japplikaw biss fi Stat Membru ġdid fit-tifsira ta' dak l-istrument skond Deċiżjoni tal-Kunsill għal dak l-effett wara verifika li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dak l-*acquis*.

(2) Il-Kunsill, wara li vverifika li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-parti tal-protezzjoni tad-data ta' l-*acquis* ta' Schengen konċernati kienu ntlaħqu mir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (minn hawn 'il quddiem l-"Istati Membri konċernati"), għamel id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen applikabbli għall-Istati Membri konċernati mill-1 ta' Settembru 2007.

(3) Il-Kunsill issa vverifika, skond il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti dwar l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 26 def.) [2], li l-kundizzjonijiet mhix għall-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen intlaħqu fl-oqsma l-oħrajn kollha ta' l-*acquis* ta' Schengen – Fruntieri ta' l-Ajru, Fruntieri fuq l-Art, Koperazzjoni tal-Pulizija, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, Fruntieri tal-Baħar u Viżi – fl-Istati Membri kollha konċernati.

(4) Fit-8 ta' Novembru 2007, il-Kunsill ikkonkluda li l-kondizzjonijiet f'kull wieħed minn dawn l-oqsma imsemmijin kienu ġew sodisfatti mill-Istati Membri konċernati.

(5) Huwa possibbli li jiġu ffissati dati għall-applikazzjoni sħiħa ta' l-*acquis* ta' Schengen minn dawk l-Istati Membri, jiġifieri dati li minnhomm għandhom jitneħħew il-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni ma' dawk l-Istati Membri.

(6) Sa mill-aktar tali data bikrija, ir-restrizzjonijiet dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/471/KE tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika ta' l-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika ta' l-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakka [3], għandhom jitneħħew.

(7) Sabiex jiġi evitat it-tkabbir taż-żona ta' Schengen li jagħmel l-ivjaġġar fiż-żona aktar diffiċli għal ċerti kategoriji ta' persuni, għandha tinżamm il-faċilitazzjoni prevista bid-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE [4] għal ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom viża nazzjonali għall-perijodu qasir maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għal tranżitu mit-territorju ta' Stati Membri oħrajn ikkonċernati. Konsegwentement, ċerti dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni għandhom ikomplu japplikaw għal perijodu transitorju limitat.

(8) Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u b'riżultat ta' l-applikazzjoni parzjali ta' l-*acquis* ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq prevista fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/926/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar id-dħul b'effett ta' partijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq [5], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1 tiegħu, għandha tapplika biss parti mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen applikabbli għall-Istati Membri konċernati fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen fir-relazzjonijiet ta' l-Istati Membri konċernati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

[1] Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Novembru 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 138.

[3] ĠU L 179, 7.7.2007, p. 46.

[4] Deċiżjoni Nru 895/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fil-fruntieri esterni bbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mir-Repubblika Ċeka, mill-Estonja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Ungerija, minn Malta, mill-Polonja, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' transitu mit-territorji tagħhom (ĠU L 167, 20.6.2006, p. 1).

[5] ĠU L 395, 31.12.2004, p. 70.

(9) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punti B, Ċ, D, F u H ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE (1), dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen l-imsemmija fl-Anness I għandhom japplikaw għall-Istati Membri konċernati bejniethom u fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju tal-Belġju, mar-Renju tad-Danimarka, mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mar-Repubblika Ellenika, mar-Renju ta' Spanja, mar-Repubblika ta' Franza, mar-Repubblika Taljana, mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, mar-Renju ta' l-Olanda, mar-Repubblika ta' l-Awstrija, mar-Repubblika Portugiża, mar-Repubblika tal-Finlandja u mar-Renju ta' l-Iżvezja, kif ukoll mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja mill-21 ta' Diċembru 2007.

Safejn dawk id-dispożizzjonijiet jirregolaw l-abolizzjoni tal-kontrolli fuq persuni fi fruntieri interni, huma għandhom japplikaw mit-30 ta' Marzu 2008 għal fruntieri ta' l-ajru.

Ir-restrizzjonijiet kollha dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-Istati Membri kkonċernati għandhom jitneħħew sa mill-21 ta' Diċembru 2007.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen imsemmijin fl-Anness II għandhom japplikaw għall-Istati Membri konċernati fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-21 ta' Diċembru 2007.

*Artikolu 2*

Sat-30 ta' Ġunju 2008, u matul il-perijodu ta' validità tagħhom, viżi nazzjonali għall-perijodu qasir maħruġin qabel il-21 ta' Diċembru 2007 għandhom jibqgħu validi għall-fini ta' tranżitu mit-territorju ta' l-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati safejn huma rrikonoxxew tali viżi għall-perijodu qasir għall-fini ta' tranżitu skond id-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE. Għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill,*

*Il-President*

A. COSTA

(1) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

*ANNESS 1*

**Lista tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens ta' l-Artikou 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 li għandhom isiru applikabbli għall-Istati Membri konċernati fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen kif ukoll ma' l-Islanda u man-Norveġja**

1. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen:

L-Artikolu 1 safejn jirrelata mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, l-Artikoli 9-12, l-Artikoli 14-25 eskluż l-Artikolu 19(2), l-Artikoli 40-43, u l-Artikoli 126-130 safejn ikunu jirrelataw mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, tal-Konvenzjoni ta' Schengen, kif emendata permezz ta' uħud mill-atti elenkati fil-punt (2)(ċ) hawn taħt;

2. Dispożizzjonijiet oħra:

(a) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni għall-Konvenzjoni ffirmati f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 li jimplementaw l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, l-Atti Finali tagħhom u d-Dikjarazzjonijiet relatati:

— il-Ftehim iffirmat fis-27 ta' Novembru 1990 dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika Taljana: l-Artikolu 2, l-Artikolu 3 u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikoli 2 u 3 tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika Taljana għall-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985;

— il-Ftehim iffirmat fil-25 ta' Ġunju 1991 dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja: l-Artikoli 2 u l-Artikolu 3;

— il-Ftehim iffirmat fil-25 ta' Ġunju 1991 dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika Portugiża: l-Artikolu 2, l-Artikolu 3, u d-Dikjarazzjoni 1 fil-Parti III ta' l-Att Finali;

— il-Ftehim iffirmat fis-6 ta' Novembru 1992 dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika: l-Artikolu 2;

— il-Ftehim iffirmat fit-28 ta' April 1995 dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija: l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3;

— il-Ftehim iffirmat fid-19 ta' Diċembru 1996 dwar l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka: l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3;

— il-Ftehim iffirmat fid-19 ta' Diċembru 1996 dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Finlandja: l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3;

— il-Ftehim iffirmat fid-19 ta' Diċembru 1996 dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' l-Isvezja: l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3.

(b) Id-Deċiżjonijiet li ġejjin tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit bil-Konvenzjoni ta' Schengen:

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-23 ta' Ġunju 1998 dwar klawżola komprensiva li tkopri l-*acquis* tekniku ta' Schengen sħiħ (SCH/Com-ex (98) 29 rev.);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-14 ta' Diċembru 1993 li testendi l-viża uniformi (SCH/Com-ex (93) 21);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-14 ta' Diċembru 1993 dwar il-prinċipji komuni għall-ikkanċellar, ir-revokar jew it-tqassir tat-tul tal-validità tal-viża uniformi (SCH/Com-ex (93) 24);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-introduzzjoni ta' proċedura kompjuterizzata għall-konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet ċentrali imsemmija fl-Artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni (SCH/Com-ex (94) 15 rev.);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar l-iskambju ta' informazzjoni statistika dwar il-ħruġ ta' viżi uniformi (SCH/Com-ex (94) 25);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-5 ta' Mejju 1995 dwar il-politika ta' viża komuni. Deċiżjoni li tinsab fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv li saret fi Brussell fit-28 ta' April 1995 (SCH/Com-ex (95) PV 1 rev.);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-prinċipji għall-ħruġ ta' viżi ta' Schengen skond l-Artikolu 30(1)(a) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (SCH/Com-ex (96) 13 rev. 1);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar il-prinċipji gwida għall-mezzi ta' prova u evidenza indikattiva fi ħdan il-qafas tal-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid bejn l-Istati ta' Schengen (SCH/Com-ex (97) 39 rev.);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-21 ta' April 1998 dwar l-iskambju ta' statistika dwar viżi maħruġa (SCH/Com-ex (98) 12);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-23 ta' Ġunju 1998 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' pajjiżi li jqajmu problemi fir-rigward tal-ħruġ ta' dokumenti meħtieġa għat-tkeċċija mit-territorju ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 18 rev.);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-23 ta' Ġunju 1998 dwar permessi ta' residenza ta' Monegasque (SCH/Com-ex (98) 19);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-23 ta' Ġunju 1998 dwar it-timbrar ta' passaporti ta' applikanti tal-viża (SCH/Com-ex (98) 21);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Diċembru 1998 dwar il-Manwal dwar il-koperazzjoni transkonfini tal-pulizija (SCH/Com-ex (98) 52);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Diċembru 1998 dwar il-kumpilazzjoni ta' manwal ta' dokumenti li magħhom tista' titwaħħal viża (SCH/Com-ex (98) 56);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-28 ta' April 1999 dwar il-kumpilazzjoni ta' manwal ta' dokumenti li magħhom tista' titwaħħal viża (SCH/Com-ex (99) 14);

— Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-28 ta' April 1999 dwar il-verżjonijiet definittivi tal-Manwal Komuni u ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (SCH/Com-ex (99) 13) safejn tirrelata ma' dispożizzjonijiet ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni li għadhom ma sarux applikabbli permezz ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

(ċ) L-istrumenti l-oħra li ġejjin:

— Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/645/KE tas-17 ta' Ottubru 2000 li tikkoreġi l-*acquis* ta' Schengen kif jinsab fil-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen SCH/Com-ex (94) 15 Rev (ĠU L 272, 25.10.2000, p. 24). Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2003/330 (ĠU L 116, 13.5.2003, p. 22);

— Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1091/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-libertà tal-moviment b'viża ta' żjarat fit-tul (ĠU L 150, 6.6.2001, p. 4);

— Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/420/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar l-adattament tal-Partijiet V u VI u l-Anness 13 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-Viżi u l-Anness 6a mal-Manwal Komuni rigward il-viżi għal żjarat fit-tul validi fl-istess ħin bħala viżi għal żjarat qosra (ĠU L 150, 6.6.2001, p. 47) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— Direttiva tal-Kunsill Nru 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar t-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 34) u Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/191/KE tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens ta' l-iżbilanċi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (ĠU L 60, 27.2.2004, p. 55);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/44/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 li temenda l-Parti VII u l-Anness 12 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14a mal-Manwal Komuni (ĠU L 20, 23.1.2002, p. 5) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/354/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-adattament ta' Parti III ta', u t-tfassil ta' l-Anness 16 ma', l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 123, 9.5.2002, p. 50);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/585/KE tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-adattament tal-Partijiet III u VIII ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 44);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/586/KE tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-emenda tal-Parti VI ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 48);

— Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 415/2003/KE tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-ħruġ ta' viżi fil-konfini, inkluż il-ħruġ ta' tali viżi lil baħħara in transitu (ĠU L 64, 7.3.2003, p. 1)

— Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003/KE ta' l-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument ta' Transitu Faċilitat (FTD) speċifiku, Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Manwal Komuni (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/454/KE tat-13 ta' Ġunju 2003 li temenda l-Anness 12 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14a mal-Manwal Komuni dwar il-miżati għal viżi (ĠU L 152, 20.6.2003, p. 82) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/585/KE tat-28 ta' Lulju 2003 li temenda l-Iskeda A ta' l-Anness 2 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Iskeda A ta' l-Anness 5 mal-Manwal Komuni dwar ir-rekwiżiti tal-viża għal detenturi ta' passporti diplomatiċi Pakistani (ĠU L 198, 6.8.2003, p. 13) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/586/KE tat-28 ta' Lulju 2003 dwar l-emenda tal-Parti I ta' l-Anness 3 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Parti I ta' l-Anness 5a mal-Manwal Komuni dwar iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi suġġetti għar-rekwiżiti tal-viża fl-ajruporti (ĠU L 198, 6.8.2003, p. 15) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/725/ĠAI tat-2 ta' Ottubru 2003 li temenda d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 40 (1) u (7) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni (ĠU L 260, 11.10.2003, p. 37);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/14/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda t-tielet sub-paragrafu (Kriterji bażiċi għall-eżami ta' applikazzjonijiet) tal-Parti V ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 74);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/15/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda l-punt 1.2 tal-Parti II ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u li tfassal Anness ġdid għaliha (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 76);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/17/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda l-Parti V, il-punt 1.4, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Parti I, il-punt 4.1.2 tal-Manwal Komuni rigward l-inklużjoni tar-rekwiżit li jkollhom assigurazzjoni medika ta' l-ivvjaġġar bħala wieħed mid-dokumenti ta' appoġġ għall-għoti ta' viża tad-dħul uniformi (ĠU L 5, 9.01.2004, p. 79) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti ta' ordnijiet individwali ta' tkeċċija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28);

— Rakkomandazzjoni 2005/761/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 sabiex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi għal waqfiet qosra uniformi għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fil-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 23);

— L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 1 u t-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen). (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/440/KE ta' l-1 ta' Ġunju 2006 li temenda l-Anness 12 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14a mal-Manwal Komuni dwar il-miżati li għandhom jitħallsu li jikkorrispondu għall-ispejjeż amministrattivi ta' l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi (ĠU L 175, 29.6.2006, p. 77) safejn tirrelata ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni;

— L-Artikoli 4(b) u 9(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dwar it-traffiku fil-fruntieri lokali fil-fruntieri ta' l-art esterni ta' l-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen (ĠU L 405, 30.12.2006, p. 1);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/684/KE tal-5 ta' Ottubru 2006 li temenda l-Iskeda A ta' l-Anness 2 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar ir-rekwiżiti tal-viża għal detenturi ta' passaporti diplomatiċi u ta' servizz Indoneżjani (ĠU L 280, 12.10.2006, p. 29);

— Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/519/KE tas-16 ta' Lulju 2007 li temenda l-Parti 2 tan-netwerk ta' konsultazzjoni ta' Schengen (speċifikazzjonijiet tekniċi) (ĠU L 192, 24.07.2007, p. 26-27).

*ANNESS II*

**Lista tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens ta' l-Artikou 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 li għandhom isiru applikabbli għall-Istati Membri konċernati fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**

1. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen:

   l-Artikolu 40 u l-Artikoli 42 u 43 safejn jirrelataw ma' l-Artikolu 40.

2. Dispożizzjonijiet oħra:

   (a) Id-Deċiżjonijiet li ġejjin tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit bil-Konvenzjoni ta' Schengen:

   Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Diċembru 1998 dwar il-Manwal dwar il-koperazzjoni transkonfini tal-pulizija (SCH/Com-ex (98) 52).

   (b) L-istrumenti l-oħra li ġejjin:

   Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/725/ĠAI tat-2 ta' Ottubru 2003 li temenda d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 40 (1) u (7) tal-Konvenzjoni li jimplimentaw l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni (ĠU L 260, 11.10.2003, p. 37).

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-4 ta' Diċembru 2007**

**li temenda d-Deċiżjoni 2002/840/KE fir-rigward tal-lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi għat-tneħħija ta' radjazzjoni minn fuq l-ikel**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5823)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/802/KE)

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' Stati Membri li jikkonċernaw prodotti u ingredjenti ta' l-ikel trattati b'radjazzjoni jonizzanti ([1]), u partikolarment Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 1999/2/KE oġġetti ta' l-ikel ittrattati b'radjazzjoni jonizzanti ma jistgħux jiġu importati minn pajjiż terz sakemm ma jkunux ġew ittrattati f'faċilità ta' tneħħija ta' radjazzjoni approvata mill-Komunità.

(2) Lista ta' faċilitajiet approvati kienet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/840/KE ([2]).

(3) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' żewġ faċiltajiet ta' tneħħija ta' radjazzjoni fit-Tajlandja permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Esperti tal-Kummissjoni spezzjonaw il-faċilitajiet ta' tneħħija ta' radjazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk humiex konformi mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 1999/2/KE u, b'mod partikolari, jekk superviżjoni uffiċjali tiggarantixxix li jkunu konformi mal-ħtiġijiet ta' Artikolu 7 ta' din id-Direttiva.

(4) Il-faċilitajiet fit-Tajlandja kkonformaw mal-maġġoranza tal-ħtiġijiet tad-Direttiva 1999/2/KE. In-nuqqasijiet identifikati mill-Kummissjoni ġew indirizzati b'mod adegwat mill-awtoritajiet kompetenti tat-Tajlandja.

(5) Id-Deċiżjoni 2002/840/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2002/840/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 287, 25.10.2002, p. 40. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/691/KE (ĠU L 314, 13.10.2004, p. 14).

*ANNESS*

Il-faċiltajiet li ġejjin jiżdiedu fil-lista fl-Anness għad-Deċiżjoni 2002/840/KE:

**Nru ta' referenza EU-AIF 07-2006**

THAI IRRADIATION CENTER
Thailand Institute of Nuclear Technology (Public Organization)
37 Moo 3, TECHNOPOLIS
Klong 5, Klong Luang
Pathumthani 12120
It-Tajlandja
Tel.. +662 577 4167 sal-71
Faks: +662 577 1945

**Nru ta' referenza EU-AIF 07-2006**

ISOTRON (THAILAND) LTD
Bangpakong Industrial Park (Amata Nakorn)
700/465 Moo 7, Tambon Donhuaroh,
Amphur Muang,
Chonburi 20000
It-Tajlandja
Tel.. +66 (0) 38 458431 sa l-4
Faks: +66 (0) 38 458435

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li temenda d-Deċiżjonijiet 2005/731/KE u 2005/734/KE f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5887)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/803/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/731/KE tas-17 ta' Ottubru 2005 li tistipula ħtiġijiet addizzjonali għas-sorveljanza ta' l-influwenza tat-tjur fl-għasafar selvaġġi ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/734/KE tad-19 ta' Ottubru 2005 li tistipula l-miżuri ta' bijosigurtà biex jitnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja kkawżata mill-vajrus ta' l-Influwenza A tas-sottotip H5N1 minn għasafar li jgħixu fl-ambjent naturali għal tjur ta' l-irziezet u għasafar oħra miżmuma mill-bniedem u li tipprevedi sistema ta' individwalizzazzjoni minn kmieni fiż-żoni ta' riskju partikolari ([3]) jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2007.

(2) Madankollu, minħabba li dan l-aħħar fil-Komunità seħħew tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 fi tjur ta' l-irziezet u għasafar selvaġġi u se jibqgħu jseħħu f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li tiġi mġedda l-validità ta' dawn id-Deċiżjonijiet.

(3) Id-Deċiżjonijiet 2005/731/KE u 2005/734/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2005/731/KE, id-data "31 ta' Diċembru 2007" hija mibdula b' "31 ta' Diċembru 2008".

*Artikolu 2*

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2005/734/KE, id-data "31 ta' Diċembru 2007" hija mibdula b' "31 ta' Diċembru 2008".

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).
([2]) ĠU L 274, 20.10.2005, p. 93. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/105/KE (ĠU L 46, 16.2.2007, p. 54).
([3]) ĠU L 274, 20.10.2005, p. 105. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/105/KE.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li temenda d-Deċiżjoni 2002/627/KE li tistabbilixxi l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għan-Netwerks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/804/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE li tistabbilixxi l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għan-Netwerks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 (2) tagħha,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2002/627/KE, il-Kummissjoni għandha tirrevedi regolarment il-lista ta' l-awtoritajiet regolatorji rilevanti stabbiliti minn kull Stat Membru u responsabbli għas-sorveljanza minn jum għall-ieħor tas-suq tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

(2) Il-lista ta' awtoritajiet regolatorji rilevanti trid tiġi aġġornata sabiex jitqiesu l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-bidliet introdotti minn xi Stati Membri għall-ismijiet jew ir-responsabbiltajiet ta' dawn l-awtoritajiet,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2002/627/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dak in-nhar tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Viviane REDING

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 200, 30.7.2002, p. 38. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/641/KE (ĠU L 293, 16.9.2004, p. 30).

*ANNESS*

*"ПРИЛОЖЕНИЕ — ANEXO — PŘÍLOHA — BILAG — ANHANG — ANNEKS — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ — ANNEX — ANNEXE — ALLEGATO — PIELIKUMS — PRIEDAS — MELLÉKLET — ANNESS — BIJLAGE — ZAŁĄCZNIK — ANEXO — PRÍLOHA — PRILOGA — LIITE — BILAGA — ANEXĂ*

**Lista ta' Membri tal-GRE/ERG**

| Pajjiż | Awtorità Regolatorja Nazzjonali |
|---|---|
| Belgique/België | Institut belge des services postaux et des télécommunications (IBPT)<br>Belgisch Instituut voor postdiensten en telecommunicatie (BIPT) |
| България<br>Bulgaria | Комисия за регулиране на съобщенията (КРС)<br>Communications Regulation Commission (CRC) |
| Česká republika | Český telekomunikační úřad (ČTÚ) |
| Danmark | IT- og Telestyrelsen — National IT and Telecom Agency (NITA) |
| Deutschland | Bundesnetzagentur für Elektrizität, Gas, Telekommunikation, Post und Eisenbahnen (BNetzA) |
| Eesti | Sideamet (SIDEAMET) |
| Ελλάδα<br>Elláda | Εθνική Επιτροπή Τηλεπικοινωνιών και Ταχυδρομείων<br>Hellenic Telecommunications and Post Commission (EETT) |
| España | Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones (CMT) |
| France | Autorité de régulation des communications électroniques et des postes (ARCEP) |
| Ireland | Commission for Communications Regulation (ComReg) |
| Italia | Autorità per le garanzie nelle comunicazioni (AGCOM) |
| Κύπρος<br>Kypros | Γραφείο Επιτρόπου Ρυθμίσεως Ηλεκτρονικών Επικοινωνιών και Ταχυδρομείων (ΓΕΡΗΕΤ)<br>Office of the Commissioner of Electronic Communications and Postal Regulation (OCECPR) |
| Latvija | Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija (SPRK) |
| Lietuva | Ryšių reguliavimo tarnyba (RRT) |
| Luxembourg | Institut luxembourgeois de régulation (ILR) |
| Magyarország | Nemzeti Hírközlési Hatóság (NHH) |
| Malta | L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni/Malta Communications Authority (MCA) |
| Nederland | Onafhankelijke Post en Telecommunicatie Autoriteit (OPTA) |
| Österreich | Rundfunk und Telekom Regulierungs-GmbH (RTR) |
| Polska | Urząd Komunikacji Elektronicznej (UKE) |
| Portugal | Autoridade Nacional de Comunicações (Anacom) |
| România | Autoritatea Națională pentru Reglementare în Comunicații și Tehnologia Informației (ANRCTI) |
| Slovenija | Agencija za pošto in elektronske komunikacije Republike Slovenije (APEK) |
| Slovensko | Telekomunikačný úrad Slovenskej republiky (TÚ SR) |
| Suomi/Finland | Viestintävirasto/Kommunikationsverket (FICORA) |
| Sverige | Post- och telestyrelsen (PTS) |
| United Kingdom | Office of Communications (Ofcom)" |

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/805/PESK

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li taħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Matul is-snin li għaddew l-Unjoni Afrikana (UA) saret attur kontinentali strateġiku u sieħeb internazzjonali ewlieni ta' l-Unjoni Ewropea (UE).

(2) F'ħafna okkażjonijiet l-UE għarfet ir-rwol importanti u l-kisbiet ta' l-UA, anke fl-Istrateġija "L-UE u l-Afrika: Lejn Sħubija Strateġika" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istrateġija UE Afrika") adottata fil-Kunsill Ewropew fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

(3) Fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu sabiex isaħħaħ is-sħubija strateġika ta' l-UE ma' l-Afrika u, bħala miżura konkreta fil-qafas ta' l-azzjonijiet prijoritarji rilevanti għall-2007, sabiex isaħħaħ il-preżenza ta' l-UE ma' l-UA f'Addis Ababa.

(4) Il-ħatra ta' Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-UA, ibbażat permanentement f'Addis Ababa, ġiet identifikata bħala miżura adatta sabiex tiżgura l-preżenza msaħħa ta' l-UE ma' l-UA.

(5) Is-SĠ/RGħ irrakkomanda li s-Sur Koen Vervaeke jinħatar bħala r-RSUE għall-UA.

(6) Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta, l-istrutturi għall-perijodu fit-tul ta' l-Uffiċċju tar-RSUE ser jiġu elaborati u kkonsolidati aktar, abbażi ta' rapport imħejji mill-Presidenza f'koperazzjoni mill-qrib mas-SĠ/RGħ, ir-RSUE u l-Kummissjoni.

(7) Ir-RSUE għandu jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

### *Artikolu 1*

### Ħatra

Is-Sur Koen VERVAEKE huwa b'dan maħtur RSUE għall-UA għall-perijodu mis-6 ta' Diċembru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2008. Ir-RSUE għandu jkun ibbażat permanentement f'Addis Ababa.

### *Artikolu 2*

### Objettivi ta' politika

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi ta' politika komprensivi ta' l-UE b'appoġġ għall-isforzi Afrikani għall-bini ta' futur paċifiku, demokratiku u prosperuż kif stabbilit fl-Istrateġija UE Afrika. Dawn l-objettivi jinkludu:

(a) it-tisħiħ tad-djalogu politiku ta' l-UE u relazzjoni usa' ma' l-UA;

(b) it-tisħiħ tas-sħubija UE-UA fl-oqsma kollha deskritti fl-Istrateġija UE Afrika, b'kontribut għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija UE Afrika fi sħubija ma' l-UA, b'rispett għall-prinċipju ta' appartenenza Afrikana u b'ħidma aktar mill-qrib mar-rappreżentanti Afrikani f'fora multilaterali f'koordinazzjoni ma' msieħba multilaterali;

(ċ) il-ħidma ma', u l-provvediment ta' appoġġ lill-UA permezz ta' l-appoġġ għall-iżvilupp istituzzjonali u t-tisħiħ tar-relazzjoni bejn l-Istituzzjonijiet ta' l-UE u ta' l-UA, anke permezz ta' assistenza għall-iżvilupp, għall-promozzjoni ta':

— paċi u sigurtà: il-previżjoni, il-prevenzjoni, il-ġestjoni, il-medjazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti, l-appoġġ għal sforzi għall-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà, l-appoġġ għar-rikostruzzjoni post-konflittwali;

— drittijiet tal-bniedem u tmexxija governattiva: il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; il-promozzjoni tal-libertajiet fundamentali u r-rispett għall-istat tad-dritt; l-appoġġ, permezz ta' djalogu politiku u assistenza finanzjarja u teknika, sforzi Afrikani għall-monitoraġġ u t-titjib tat-tmexxija governattiva; l-appoġġ għat-tkabbir tad-demokrazija parteċipattiva u r-responsabbiltà; l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u l-promozzjoni ulterjuri ta' l-isforzi sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tfal u l-konflitt armat fl-aspetti kollha tagħha;

— tkabbir sostenibbli, integrazzjoni reġjonali u kummerċ: l-appoġġ għall-isforzi lejn l-interkonnettività u l-iffaċilitar ta' l-aċċess tan-nies għall-ilma u s-sanità, l-enerġija u t-teknoloġija ta' l-informazzjoni; il-promozzjoni ta' qafas tan-negozju legali stabbli, effiċjenti u armonizzat; l-assistenza sabiex l-Afrika tkun integrata fis-sistema dinjija tal-kummerċ, l-assistenza lill-pajjiżi Afrikani sabiex jikkonformaw mar-regoli u l-istandards ta' l-UE; l-appoġġ lill-Afrika fil-ġlieda kontra l-effetti tal-bidla fil-klima;

— investiment fin-nies: l-appoġġ ta' l-isforzi fl-oqsma tas-sessi, is-saħħa, is-sigurtà ta' l-ikel u l-edukazzjoni, il-promozzjoni ta' programmi ta' skambju, *networks* ta' universitajiet u ċentri ta' eċċellenza, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

Barra minn hekk, l-UE u l-Afrika għandhom il-ħsieb li jistabbilixxu Strateġija Konġunta li għandha tiżviluppa u tikkonsolida ulterjorment is-sħubija strateġika tagħhom. L-UA għandha tkun l-attur prinċipali fl-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Konġunta.

*Artikolu 3*

**Mandat**

Sabiex jinkisbu l-aspetti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/ Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) ta' l-objettivi msemmijin fl-Artikolu 2, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) jsaħħaħ l-influwenza ġenerali ta' l-UE fi, u l-koordinazzjoni ta', id-djalogu ma' l-UA u l-Kummissjoni tagħha f'Addis Ababa, dwar il-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet tal-PESK/PESD koperti mir-relazzjoni UE-UA;

(b) jiżgura livell adatt ta' rappreżentanza politika, li tirrifletti l-importanza ta' l-UE bħala sieħba politika, finanzjarja u istituzzjonali ta' l-UA, u l-avvanz f'dik is-sħubija li sar neċessarju minħabba l-profil politiku li qed jikber ta' l-UA fix-xena dinjija;

(ċ) jirrappreżenta, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, il-pożizzjonijiet u l-linji politiċi ta' l-UE, meta l-UA jkollha rwol prinċipali f'sitwazzjoni ta' kriżi li għaliha ma jkun inħatar l-ebda RSUE;

(d) jgħin fil-kisba ta' koerenza, konsistenza u koordinazzjoni aħjar tal-linji politiċi u l-azzjonijiet ta' l-UE fir-rigward ta' l-UA, u jikkontribwixxi sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-grupp usa' ta' msieħba u r-relazzjoni tiegħu ma' l-UA;

(e) isegwi mill-qrib, u jirrapporta dwar, l-iżviluppi rilevanti kollha fil-livell ta' l-UA;

(f) iżomm kuntatt mill-qrib mal-Kummissjoni ta' l-UA, ma' organi oħra ta' l-UA, ma' missjonijiet ta' organizzazzjonijiet Sub-reġjonali Afrikani għall-UA u l-missjonijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UA għall-UA;

(ġ) jiffaċilita r-relazzjonijiet/l-koperazzjoni bejn l-UA u l-organizzazzjonijiet Sub-reġjonali Afrikani speċjalment f'dawk l-oqsma fejn l-UE qed tipprovdi appoġġ;

(h) joffri pariri u jipprovdi appoġġ lill-UA fuq talba fl-oqsma deskritti fl-Istrateġija UE Afrika;

(i) joffri pariri u jipprovdi appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet ta' maniġġar ta' kriżijiet ta' l-UA;

(j) abbażi ta' diviżjoni ċara tal-kompiti, jikkoordina ma', u jappoġġa, l-azzjonijiet tar-RSUE li għandhom mandati fl-Istati Membri ta' l-UA/fir-Reġjuni ta' l-UA; u

(k) u jżomm kuntatti mill-qrib u jippromwovi l-koordinazzjoni ma' msieħba internazzjonali prinċipali ta' l-UA preżenti f'Addis Ababa, speċjalment in-Nazzjonijiet Uniti, iżda wkoll ma' atturi mhux statali dwar il-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet tal-PESK/PESD koperti mir-relazzjoni UE-UA.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-mandat filwaqt li jaġixxi taħt l-awtorità u d-direzzjoni operattiva tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ).

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jżomm kuntatt privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt ta' kuntatt primarju mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi lir-RSUE bi gwida strateġika u b'direzzjoni politika fil-qafas tal-mandat.

*Artikolu 5*

**Finanzjament**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mis-6 ta' Diċembru 2007 sal-31 ta' Mejju 2008 għandu jkun ta' EUR 1 200 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun eliġibbli mis-6 ta' Diċembru 2007. In-nefqa għandha tkun amministrata skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej bl-eċċezzjoni li kwalunkwe finanzjament minn qabel ma għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont tan-nefqa kollha lill-Kummissjoni.

4. In-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun koperta permezz ta' att separat tal-Kunsill li jagħmel provvediment għall-ammont ta' referenza finanzjarju korrispondenti.

*Artikolu 6*

**Formazzjoni u kompożizzjoni tat-tim**

1. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli sabiex jifforma t-tim tiegħu f'konsultazzjoni mal-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, u f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni. It-tim għandu jinkludi t-tagħrif espert dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif meħtieġ mill-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lis-SĠ/RGħ, lill-Presidenza u lill-Kummissjoni informati dwar il-kompożizzjoni tat-tim tiegħu.

2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jipproponu l-issekondar ta' persunal sabiex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' persunal issekondat minn Stat Membru jew minn istituzzjoni ta' l-UE lir-RSUE għandu jkun kopert mill-Istat Membru jew mill-istituzzjoni ta' l-UE kkonċernati rispettivament. Esperti ssekondati mill-Istati Membri lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistgħu wkoll jiġu assenjati lir-RSUE. Il-persunal internazzjonali b'kuntratt għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ta' l-UE.

3. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva ta' l-Istat Membru jew ta' l-istituzzjoni ta' l-UE li jibgħatuh u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

4. Wara t-tlestija tal-fażi inizjali msemmija fl-Artikolu 14, il-persunal tar-RSUE ser jaħdem fil-prinċipju f'sezzjoni ta' politika, sezzjoni ta' paċi u sigurtà, u f'sezzjoni amministrattiva.

*Artikolu 7*

**Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u tal-persunal tiegħu**

Il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-tlestija u l-ħidma bla xkiel tal-missjoni tar-RSUE u l-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu miftehmin mal-parti/partijiet ospitanti skond il-każ. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan il-għan.

*Artikolu 8*

**Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata ta' l-UE**

Ir-RSUE u l-membri tat-tim tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà ([1]), b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata ta' l-UE.

*Artikolu 9*

**Aċċess għall-informazzjoni u appoġġ loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li r-RSUE jingħata aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/438/KE (ĠU L 164, 26.6.2007, p. 24).

2. Il-Presidenza, il-Kummissjoni, u/jew l-Istati Membri, skond ma jkun il-każ, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

Konformement mal-politika ta' l-UE dwar is-sigurtà ta' persunal skjerat barra l-UE f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, konformement mal-mandat tiegħu u mas-sitwazzjoni tas-sigurtà fiż-żona ġeografika taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, b'mod partikolari billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku għall-missjoni bbażat fuq gwida mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, inklużi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, li jirregolaw il-ġestjoni tal-moviment mingħajr periklu tal-persunal lejn iż-żona tal-missjoni u ġo fiha, il-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà u pjan ta' kontinġenza u ta' evakwazzjoni tal-missjoni;

(b) jiżgura li l-persunal kollu skjerat barra l-UE jkun kopert b'assigurazzjoni għal riskju għoli kif meħtieġ mill-kundizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;

(ċ) jiżgura li l-membri kollha tat-tim tiegħu li jkunu ser jiġu skjerati barra l-UE, inkluż persunal mogħti kuntratt lokalment, ikunu rċevew taħriġ ta' sigurtà adatt qabel ma' jaslu jew malli jaslu fiż-żona tal-missjoni, abbażi ta' klassifikazzjonijiet tar-riskju assenjati liż-żona tal-missjoni mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;

(d) jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet kollha miftehmin magħmulin wara valutazzjonijiet tas-sigurtà regolari jiġu implimentati u jipprovdi lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħrajn ta' sigurtà fil-qafas tar-rapporti ta' nofs it-term u ta' l-implimentazzjoni tal-mandat.

*Artikolu 11*

**Rappurtar**

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment lis-SĠ/RGħ u lill-KPS b'rapporti verbali u bil-miktub. Ir-RSUE għandu jirrapporta ukoll kif meħtieġ lill-gruppi ta' ħidma. Rapporti regolari bil-miktub għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-network Coreu. Fuq ir-rakkomandazzjoni tas-SĠ/RGħ jew tal-KPS, ir-RSUE jista' jipprovdi lill-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni b'rapporti.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni**

Ir-RSUE għandu jippromwovi l-koordinazzjoni politika ġenerali ta' l-UE. Huwa għandu jgħin sabiex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha ta' l-UE fil-post jintużaw b'mod koerenti sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika ta' l-UE. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom ikunu koordinati ma' dawk tal-Presidenza u tal-Kummissjoni, kif ukoll ma' dawk ta' RSUE oħrajn attivi fir-reġjun skond ma' jkun il-każ. Ir-RSUE għandu jipprovdi lill-missjonijiet ta' l-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni b'aġġornamenti regolari.

Fuq il-post, għandha tinżamm koperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza, mal-Kummissjoni u mal-Kapijiet ta' Missjoni ta' l-Istati Membri li għandhom jagħmlu mill-aħjar sabiex jassistu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu jikkopera mill-qrib ukoll ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħrajn fuq il-post.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni**

L-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħrajn mill-UE għar-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lis-SĠ/RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat qabel l-aħħar ta' Settembru 2008. Dan ir-rapport għandu jservi ta' bażi għall-evalwazzjoni tal-mandat fil-gruppi ta' ħidma rilevanti u mill-KPS. Is-SĠ/RGħ għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa lill-KPS f'dan il-kuntest.

*Artikolu 14*

**Attwazzjoni inizjali u żvilupp ulterjuri**

1. Sa nofs April 2008 l-Presidenza f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-SĠ/RGħ, ir-RSUE u l-Kummissjoni, għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-istruttura ta' l-uffiċċju matul il-perijodu inizjali tal-mandat kif ukoll dwar l-iżvilupp u l-istrutturar ulterjuri tiegħu sat-tmiem tal-perijodu tal-mandat kif speċifikat fl-Artikolu 1, bil-ħsieb ta' konsolidazzjoni ggwidata mill-prinċipju ta' kondizzjonijiet ekwivalenti għall-persunal li jkun qed iwettaq funzjonijiet simili. Dan ir-rapport għandu b'mod partikolari jittratta l-materji li ġejjin:

— l-istrutturi u l-proċeduri fit-tul

— is-sistema ta' rappurtar;

— il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għal persunal li jwettaq funzjonijiet simili, fil-livelli kollha.

Ir-rapport għandu jiġi eżaminat mill-Kunsill, li għandu jiddeċiedi dwar is-segwitu xieraq.

2. Qabel l-aħħar ta' Ottubru 2008, il-Presidenza, f'koperazzjoni mill-qrib mas-SĠ/RGħ, ir-RSUE u l-Kummissjoni, għandha tipprovdi lill-Kunsill b'rapport komprensiv dwar il-futur ta' l-uffiċċju u l-organizzazzjoni tiegħu.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 16*

**Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. COSTA

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/806/CFSP

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani ([1]) għall-perijodu ta' tliet snin. Il-fażi operattiva tal-COPPS EUPOL bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.

(2) Fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill approva Linji Gwida għall-Istruttura ta' Kmand u Kontroll għall-Operazzjonijiet Ċivili ta' l-UE fil-Maniġġar ta' Kriżijiet; dawn il-Linji Gwida notevolment jipprevedu li Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili ser jeżerċita kmand u kontroll f'livell strateġiku għall-ippjanar u t-tmexxija ta' l-operazzjonijiet kollha ta' maniġġar ta' kriżijiet ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà u l-awtorità ġenerali tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-PESK; dawn il-Linji Gwida jipprevedu ulterjorment li d-Direttur tal-Kapaċità Ċivili ta' l-Ippjanar u t-Tmexxija stabbilita fis-Segretarjat tal-Kunsill, ser ikun il-Kmandant ta' l-Operazzjonijiet Ċivili għal kull operazzjoni ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet.

(3) L-Istruttura ta' Kmand u Kontroll imsemmija hawn fuq hija mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-Kap tal-Missjoni lejn il-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni.

(4) Il-Kapaċità ta' l-Għassa stabbilità fis-Segretarjat tal-Kunsill għandha tiġi attivata għal din il-Missjoni.

(5) L-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 5a*

**Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili**

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili ta' l-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għall-EUPOL COPPS.

2. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tas-SĠ/RGĦ, għandu jeżerċita kmand u kontroll ta' l-EUPOL COPPS f'livell strateġiku.

3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura implimentazzjoni xierqa u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-KPS, inkluż bil-ħruġ ta' istruzzjonijiet fil-livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni.

4. Il-persunal kollu sekondat għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat emittenti jew ta' l-istituzzjoni ta' l-UE. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv tal-persunal, it-timijiet u l-unitajiet tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.

5. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu r-responsabbiltà ġenerali biex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza ta' l-UE jiġi attwat b'mod xieraq.

6. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.".

2) L-Artikolu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

**Kap tal-Missjoni**

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jieħu r-responsabbiltà u jeżerċita kmand u kontroll tal-missjoni f'livell ta' fuq il-post ta' l-operazzjoni.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, it-timijiet u l-unitajiet minn Stati kontribwenti kif inkarigat mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluż fuq l-assi, r-riżorsi u l-informazzjoni li qegħdin għad-dispożizzjoni tal-missjoni.

([1]) ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-persunal kollu tal-missjoni, għat-twettiq effettiv ta' l-EUPOL COPPS fil-post ta' l-operazzjoni, jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha, billi jimxi fuq l-istruzzjonijiet fil-livell strateġiku tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni. Għal dan il-għan, il-Kap tal-Missjoni għandu jiffirma kuntratt mall-Kummissjoni.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinarju fuq il-persunal. Għall-persunal sekondat, l-azzjoni dixxiplinarja għandha tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali jew ta' mill-istituzzjoni ta' l-UE konċernati.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrappreżenta l-EUPOL COPPS fiż-żona ta' l-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tal-Missjoni.

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina, kif xieraq, ma' atturi ta' l-UE oħrajn fuq il-post. Mingħajr preġudizzju għall-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jirċievi gwida politika lokali mir-RSUE.".

3) L-Artikolu 8(5) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-persunal kollu għandu jwettaq id-dover tiegħu u jaġixxi fl-interess tal-Missjoni. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill (*).

(*) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2007/438/KE (ĠU L 164, 26.6.2007, p. 24).".

4) L-Artikolu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

**Linja ta' Kmand**

1. L-EUPOL COPPS għandu jkollha linja ta' kmand unifikata, bħala operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet.

2. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-EUPOL COPPS.

3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tas-SĠ/RGħ, huwa l-kmandant ta' l-EUPOL COPPS f'livell strateġiku u, bħala tali, għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-Kap tal-Missjoni u jipprovdilu konsulenza u appoġġ tekniku.

4. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tas-SĠ/RGħ.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq l-EUPOL COPPS f'livell ta' fuq il-post ta' l-operazzjoni u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.".

5) L-Artikolu 11 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

**Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal dan il-għan skond l-Artikolu 25 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat għall-ħatra ta' Kap tal-Missjoni, fuq proposta tas-SĠ/RGħ, u għall-emendament ta' l-OPLAN. Għandha tinkludi wkoll is-setgħat li sussegwentement jittieħdu deċiżjonijiet rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward ta' l-objettivi u t-tmiem tal-missjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi fuq bażi regolari u kif meħtieġ rapporti mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma tar-responsabbiltà tagħhom.".

6) L-Artikolu 13 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

**Sigurtà**

1. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-miżuri ta' sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa u effettiva tagħhom għall-EUPOL COPPS skond l-Artikoli 5a u 10, f'koordinazzjoni ma' l-Uffiċċju ta' Sigurtà tal-Kunsill.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli mis-sigurtà ta' l-operazzjoni u biex jiżgura konformità mal-ħtiġiet minimi ta' sigurtà applikabbli għall-operazzjoni, skond il-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-UE f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat u d-dokumenti ta' sostenn tiegħu.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Anzjan għas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li ser jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib ma' l-Uffiċċju tas-Sigurtà tal-Kunsill.

4. Il-persunal ta' l-EUPOL COPPS għandu jagħmel taħriġ obbligatorju ta' sigurtà qabel id-dħul tiegħu fil-funzjoni, f'konformità ma' l-OPLAN. Għandu jingħatalu taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post organizzat mill-MSO.".

7) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 16a*

**Għassa**

Il-Kapaċità ta' l-Għassa għandha tiġi attivata għall-EUPOL COPPS. ".

8) Għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej fl-Artikolu 18:

"Id-Deċiżjonijiet tal-KPS meħuda skond l-Artikolu 11(1), dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni, għandhom ukoll jiġu pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.".

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. COSTA

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/807/PESK

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ([1]).

(2) Fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill approva Linji Gwida għall-Istruttura ta' Kmand u Kontroll għall-Operazzjonijiet Ċivili ta' l-UE fl-Immaniġġar ta' Kriżijiet. Dawn il-Linji Gwida notevolment jipprevedu li Kmandant ta' Operazzjoni Ċivili ser jeżerċita kmand u kontroll f'livell strateġiku għall-ippjanar u t-tmexxija ta' l-operazzjonijiet kollha ta' maniġġar ta' kriżijiet ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà u l-awtorità ġenerali tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-PESK. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu ulterjorment li d-Direttur tal-Kapaċità Ċivili ta' l-Ippjanar u t-Tmexxija stabbilita fis-Segretarjat tal-Kunsill, ser ikun il-Kmandant ta' l-Operazzjonijiet Ċivili għal kull operazzjoni ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet.

(3) Huwa meħtieġ li l-Istruttura ta' Kmand u Kontroll imsemmija hawn fuq tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-Kap tal-Missjoni lejn il-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni.

(4) Il-Kapaċità ta' l-Għassa stabbilita fis-Segretarjat tal-Kunsill għandha tiġi attivata għall-Missjoni.

(5) L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 4a*

**Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili**

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili ta' l-Ippjanar u t-Tmexxija għandu jkun il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għall-EU BAM Rafah.

2. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u l-awtorità ġenerali tas-Segretarju Ġenerali/-Rappreżentant Għoli, għandu jeżerċita kmand u kontroll ta' l-EU BAM Rafah fil-livell strateġiku.

3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura implimentazzjoni xierqa u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-KPS, inkluż bil-ħruġ ta' istruzzjonijiet fil-livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni.

4. Il-persunal kollu sekondat għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat emittenti jew ta' l-istituzzjoni ta' l-UE. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv (OPCON) tal-persunal, it-timijiet u l-unitajiet tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.

5. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu r-responsabbiltà ġenerali biex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza ta' l-UE jiġi attwat b'mod xieraq.

6. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u r-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.".

(2) L-Artikoli 5(2) sa (5) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jieħu r-responsabbiltà u jeżerċita kmand u kontroll tal-missjoni fuq il-post ta' l-operazzjoni.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, it-timijiet u l-unitajiet minn Stati kontribwenti kif inkarigat mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluż fuq l-assi, r-riżorsi u l-informazzjoni li qegħdin għad-dispożizzjoni tal-missjoni.

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jagħti istruzzjonijiet lill-persunal kollu tal-missjoni, għat-tmexxija effettiva ta' l-EU BAM Rafah fil-post ta' l-operazzjoni, jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha, billi jimxi fuq l-istruzzjonijiet fil-livell strateġiku tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni. Għal dan il-għan, il-Kap tal-Missjoni għandu jiffirma kuntratt mal-Kummissjoni.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinarju fuq il-persunal. Għall-persunal sekondat, l-azzjoni dixxiplinarja għandha tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali konċernati jew mill-istituzzjoni konċernata ta' l-UE.

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrappreżenta l-EU BAM Rafah fiż-żona ta' l-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tal-Missjoni.

8. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina, kif xieraq, ma' atturi ta' l-UE oħrajn fuq il-post. Mingħajr preġudizzju għall-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jirċievi gwida politika lokali mir-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE.".

(3) L-Artikolu 7(5) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-persunal kollu għandu jwettaq id-doveri tiegħu u jaġixxi fl-interess tal-Missjoni. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill (*).

(*) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/438/KE (ĠU L 164, 26.6.2007, p. 24).".

(4) L-Artikolu 9 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Linja ta' Kmand**

1. L-EU BAM Rafah għandu jkollha linja ta' kmand unifikata, bħala operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet.

2. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-EU BAM Rafah.

3. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, huwa l-kmandant ta' l-EU BAM Rafah f'livell strateġiku u, bħala tali, għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-Kap tal-Missjoni u jipprovdilu konsulenza u appoġġ tekniku.

4. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq l-EU BAM Rafah fuq il-post ta' l-operazzjoni u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili.".

(5) L-Artikolu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

**Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal dan il-għan skond l-Artikolu 25 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat għall-ħatra ta' Kap tal-Missjoni, fuq proposta mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, u għall-emendar ta' l-OPLAN. Għandha tinkludi wkoll is-setgħat li sussegwentement jittieħdu deċiżjonijiet rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward ta' l-objettivi u t-tmiem tal-missjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi fuq bażi regolari u kif meħtieġ rapporti mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma tar-responsabbiltà tagħhom.".

(6) L-Artikolu 12 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

**Sigurtà**

1. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-miżuri ta' sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa u effettiva tagħhom għall-EU BAM Rafah skond l-Artikoli 4a u 9, f'koordinazzjoni ma' l-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (l-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-SĠK).

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli mis-sigurtà ta' l-operazzjoni u sabiex jiżgura konformità ma' rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbli għall-operazzjoni, skond il-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-UE f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat u d-dokumenti ta' sostenn tiegħu.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Kap tas-Sigurtà (UKS), li jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib ma' l-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-SĠK.

4. Il-persunal ta' l-EU BAM Rafah għandu jagħmel taħriġ obbligatorju ta' sigurtà qabel id-dħul tiegħu fil-funzjoni, f'konformità ma' l-OPLAN. Għandu jingħata taħriġ regolari ta' aġġornament organizzat mill-UKS fuq il-post ta' l-operazzjoni.".

(7) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 15a*

**Għassa**

Il-Kapaċità ta' l-Għassa għandha tiġi attivata għall-EU BAM Rafah.".

(8) Għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej lill-Artikolu 18:

"Id-Deċiżjonijiet tal-KPS skond l-Artikolu 10(1) fir-rigward tal-ħatra tal-Kap tal-Missjoni għandhom ukoll jiġu pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.".

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. COSTA

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/808/PESK

## tas-6 ta’ Diċembru 2007

## li temenda d-Deċiżjoni 2006/807/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta’ l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Waqt li jikkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK ta’ l-14 ta’ Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta’ l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta’ l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-14 ta’ Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta’ l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani għal perijodu ta’ 3 snin. Il-fażi operazzjonali tal-Missjoni bdiet fl-1 ta’ Jannar 2006.

(2) Fl-20 ta’ Novembru 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/807/PESK ([2]) li stabbilixxiet li l-baġit maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni mill-1 ta’ Jannar 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2007 kellu jkun ta’ EUR 2 800 000.

(3) Dan il-baġit għandu jkopri wkoll in-nefqa relatata mal-missjoni mill-1 ta’ Jannar 2007 sad-29 ta’ Frar 2008,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/807/PESK għandu jinbidel b’dan li ġej:

“*Artikolu 1*

1. Il-baġit finali maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni mill-1 ta’ Jannar 2007 sad-29 ta’ Frar 2008 għandu jkun ta’ EUR 2 800 000.

2. Il-baġit ta’ l-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta’ Marzu 2008 sal-31 ta’ Diċembru 2008 għandu jiġi deċiż mill-Kunsill qabel id-29 ta’ Frar 2008.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta’ l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta’ Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. COSTA

---

([1]) ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.

([2]) ĠU L 329, 25.11.2006, p. 76.

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/809/PESK

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/108/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/108/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan ([1]).

(2) Fid-19 ta' April 2007, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2007/238/PESK ([2]), li taħtar lis-Sur Torben Brylle bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) għas-Sudan mill-1 ta' Mejju 2007 sad-29 ta' Frar 2008.

(3) Fil-15 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/677/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Afrikana Ċentrali ([3]) (EUFOR Tchad/RCA), li tiddefinixxi wkoll rwol għar-RSUE għas-Sudan fir-rigward ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE.

(4) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2007/108/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) it-test attwali ta' l-Artikolu 2 għandu jsir il-paragrafu 1 u għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2. Il-mandat tar-RSUE għandu addizzjonalment ikun ibbażat fuq l-objettivi ta' politika ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/677/PESK tal-15 ta' Ottubru 2007 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Afrikana Ċentrali (*) (EUFOR Tchad/RCA).

(*) ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.";

(2) l-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 3*

**Mandat**

1. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika l-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) jaħdem ma' l-UA, il-Gvern tas-Sudan, il-Gvern tas-Sudan tan-Nofsinhar, il-movimenti armati tad-Darfur u partiti Sudaniżi oħra kif ukoll ma' organizzazzjonijiet non-governattivi u jżomm kollaborazzjoni mill-qrib man-NU u ma' atturi internazzjonali rilevanti oħra, bil-għan li jitwettqu l-objettivi tal-politika ta' l-Unjoni;

(b) jirrappreżenta lill-Unjoni fid-djalogu Darfur-Darfur, fil-laqgħat ta' livell għoli tal-Kummissjoni Konġunta, kif ukoll laqgħat oħra rilevanti kif mitlub;

(c) jirrappreżenta lill-Unjoni, kull meta jkun possibbli, fil-Kummissjonijiet ta' Valutazzjoni u Evalwazzjoni tal-FKP u l-FPD;

(d) isegwi l-iżviluppi fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-FPLS;

(e) jiżgura koerenza bejn il-kontribut ta' l-Unjoni għall-maniġġar tal-kriżi fid-Darfur u r-relazzjoni politika ġenerali ta' l-Unjoni mas-Sudan;

(f) fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tat-tfal u tan-nisa, u l-ġlieda kontra l-impunità fis-Sudan, isegwi s-sitwazzjoni u jżomm kuntatti regolari ma' l-awtoritajiet Sudaniżi, l-UA u n-NU, b'mod partikolari ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-osservaturi għad-drittijiet tal-bniedem attivi fir-reġjun u l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

(g) jaħdem mal-Presidenza, mas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, mal-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE u mal-Kmandant tal-Forza ta' l-UE ta' l-Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA sabiex jiżgura koordinazzjoni mill-qrib ta' l-attivitajiet rispettivi tagħhom fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2007/677/PESK; għandha tkun żgurata koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet lokali tal-Kummissjoni;

([1]) ĠU L 46, 16.2.2007, p. 63.
([2]) ĠU L 103, 20.4.2007, p. 52.
([3]) ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.

(h) fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2007/677/PESK, jassisti lis-SĠ/RGħ fir-rigward tal-kuntatti tiegħu man-Nazzjonijiet Uniti, l-awtoritajiet taċ Ċad, l-awtoritajiet tar-Repubblika Afrikana Ċentrali u l-pajjiżi ġirien kif ukoll ma' atturi rilevanti oħrajn;

(i) mingħajr preġudizzju għall-katina ta' kmand militari, jipprovdi lill-Kmandant tal-Forza ta' l-UE ta' l-Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA bi gwida politika b'mod partikolari dwar kwistjonijiet b'dimensjoni politika reġjonali;

(j) fir-rigward tal-kompiti tiegħu relatati ma' l-Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA, jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza ta' l-UE dwar kwistjonijiet politiċi b'dimensjoni ta' sigurtà.

2. Bil-għan li jwettaq il-mandat tiegħu, ir-RSUE għandu, fost l-oħrajn:

(a) ikollu idea ġenerali ta' l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni;

(b) jiżgura l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-kontributi ta' l-Unjoni lill-AMIS;

(c) jiżgura koordinazzjoni mill-qrib u koerenza ta' l-attivitajiet ta' l-Unjoni fir-rigward ta' l-Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA;

(d) jappoġġa l-proċess politiku u l-attivitajiet relatati ma' l-implimentazzjoni tal-FPK, l-FPD u l-FPLS; u

(e) isegwi u jirrapporta dwar il-konformità tal-partijiet Sudaniżi mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari 1556 (2004), 1564 (2004), 1591 (2005), 1593 (2005), 1672 (2006), 1679 (2006), 1706 (2006) u 1769 (2007).";

(3) l-Artikolu 4(3) għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Ir-RSUE għandu regolarment jirrapporta lill-KPS dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur u l-assistenza ta' l-Unjoni lill-AMIS u dwar is-sitwazzjoni fis-Sudan in ġenerali, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Afrikana Ċentrali fir-rigward ta' EUFOR Tchad/RCA.".

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. COSTA

## CORRIGENDUM

**Rettifika għad-Deċiżjoni 2007/775/KE tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2007 li tirrevoka d-Deċiżjoni 1999/572/KE li taċċetta impenji offruti f'konnessjoni mal-proċedimenti *anti-dumping* li jirrigwardaw l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-wajer ta' l-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukraina**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 312, tat-30 ta' Novembru 2007)*

Il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/775/KE għanda tiġi kkunsidrata nulla u bla effett.